IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussell, 21.11.2011
KUMM(2011) 770 finali

2011/0354 (COD)

**IL-PAKKETT TAL-ALLINJAMENT TAL-QAFAS LEĠIŻLATTIV ĠDID (QLĠ) (L-Implimentazzjoni tal-Pakkett tal-Prodotti)**

Proposta għal

# DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-approssimazzjoni tal-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tad-disponibbiltà fis-suq ta' lifts u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### Il-kuntest ġenerali, ir-raġunijiet u l-għanijiet ta' din il-proposta

Din il-proposta hija ppreżentata fil-qafas **tal-implimentazzjoni tal-"pakkett dwar il-prodotti"** adottat fl-2008. Din tagħmel parti minn pakkett ta' proposti li jallinjaw 10 direttivi dwar il-prodotti mad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

Il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni (UE) dwar l-armonizzazzjoni li tassigura l-moviment liberu tal-prodotti kkontribwiet konsiderevolment għat-tlestija u t-tħaddim tas-Suq Uniku. Din hi msejsa fuq livell għoli ta' ħarsien u tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi bil-mezzi biex juru l-konformità, u b'hekk tassigura l-moviment liberu permezz ta' fiduċja fil-prodotti.

Id-Direttiva 95/16/KE hija eżempju ta' dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, li tiżgura l-moviment liberu tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. Din tistipula rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali li magħhom għandhom jikkonformaw il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet sabiex ikunu disponibbli fis-suq tal-UE. Il-manifatturi għandhom juru li lift u komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ġew iddisinjati u mmanifatturati b'konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali u jwaħħlu l-marka CE.

L-esperjenza bl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni wriet, fuq skala ta' diversi setturi, ċerti dgħufijiet u inkonsistenzi fl-implimentazzjoni u fl-infurzar ta' din il-leġiżlazzjoni, li jwasslu għal dan li ġej

- il-preżenza fis-suq ta' prodotti perikolużi jew mhux konformi u konsegwentement ċertu nuqqas ta' fiduċja fil-marka CE
- żvantaġġi kompetittivi għall-operaturi ekonomiċi li jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni għall-kuntrarju ta' dawk li jaħarbu mir-regoli
- trattament mhux ugwali fil-każ ta' prodotti li ma jikkonformawx u tgħawwiġ tal-kompetizzjoni fost l-operaturi ekonomiċi minħabba prattiki ta' nfurzar differenti
- prattiki differenti fid-deżinjazzjoni tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità mill-awtoritajiet nazzjonali
- problemi bil-kwalità ta' ċerti korpi notifikati

Barra minn hekk, l-ambjent regolatorju sar aktar u aktar kumpless, billi ta' spiss diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni japplikaw fl-istess waqt għall-istess prodott wieħed. L-inkonsistenzi f'dawn il-biċċiet ta' leġiżlazzjoni jagħmluha dejjem aktar diffiċli għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet biex jinterpretaw u japplikaw b'mod korrett dik il-leġiżlazzjoni.

Sabiex jiġu rrimedjati dawn in-nuqqasijiet orizzontali fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li ġew osservati f'diversi setturi industrijali, il-"**Qafas Leġiżlattiv Ġdid**" ġie adottat fl-2008 bħala parti mill-**pakkett dwar il-prodotti**. L-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ u jikkompleta r-regoli eżistenti u li jtejjeb l-aspetti prattiċi tal-applikazzjoni u l-infurzar

tagħhom. Il-Qafas Leġiżlattiv Ġdid (QLĠ) jikkonsisti f'żewġ strumenti komplementari, **ir-Regolament (KE) Nru 765/2008 dwar l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq** u **d-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE li tistabbilixxi qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti**.

Ir-Regolament tal-QLĠ introduċa regoli ġodda dwar l-akkreditament (għodda għall-evalwazzjoni tal-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità) u rekwiżiti għall-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sorveljanza tas-suq u l-kontrolli tal-prodotti minn pajjiżi terzi. Mill-1 ta' Jannar 2010 dawn ir-regoli japplikaw direttament fl-Istati Membri kollha.

Id-Deċiżjoni tal-QLĠ tistabbilixxi qafas komuni għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti. Dan il-qafas jikkonsisti fid-dispożizzjonijiet li jintużaw komunement fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti (eż. id-definizzjonijiet, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, il-korpi notifikati, il-mekkaniżmi ta' salvagwardja, eċċ). Dawn id-dispożizzjonijiet komuni ġew infurzati biex jiġi żgurat li d-direttivi jistgħu jiġu applikati u nfurzati fil-prattika, b'mod aktar effettiv. Ġew introdotti elementi ġodda, bħall-obbligi tal-importaturi, li huma kruċjali għat-titjib tas-sikurezza tal-prodotti fis-suq.

Id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ u dawk tar-Regolament tal-QLĠ huma komplementari u interkonnessi mill-qrib. Id-Deċiżjoni tal-QLĠ tinkludi l-obbligi korrispondenti għall-operaturi ekonomiċi u l-korpi notifikati, filwaqt li tippermetti lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u lill-awtoritajiet responsabbli għall-korpi notifikati, li jwettqu l-kompiti li ġew imposti lilhom bir-Regolament tal-QLĠ u jiżguraw l-infurzar effettiv u konsistenti tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-prodotti.

Madankollu, għall-kuntrarju tar-Regolament tal-QLĠ, id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ ma japplikawx direttament. Sabiex jiġi żgurat li s-setturi ekonomiċi kollha suġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, jibbenefikaw mit-titjib tal-QLĠ, jeħtieġ li d-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ jiġu integrati fil-leġiżlazzjoni eżistenti dwar il-prodotti.

Skont l-istħarriġ li sar wara l-adozzjoni tal-pakkett dwar il-prodotti fl-2008, il-biċċa l-kbira tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni tal-prodotti kellha tiġi riveduta fit-tliet snin ta' wara, mhux biss biex jiġu indirizzati l-problemi osservati fis-setturi kollha iżda wkoll għal raġunijiet speċifiċi għas-settur. Kull reviżjoni bħal din tkun tinkludi awtomatikament allinjament tal-leġiżlazzjoni kkonċernata mad-Deċiżjoni tal-QLĠ billi l-Parlament, il-Kunsill u l-Kummissjoni kkommettew irwieħhom li jużaw kemm jista' jkun id-dispożizzjonijiet tagħha fil-leġiżlazzjoni futura dwar il-prodotti sabiex tissokta l-aktar koerenza possibbli tal-qafas regolatorju.

Għal għadd ta' direttivi oħra tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni, inkluża d-Direttiva 95/16/KE, ma kienet prevista l-ebda reviżjoni għall-problemi speċifiċi għas-settur f'dan il-perjodu ta' żmien. Sabiex jiġi żgurat li l-problemi marbuta man-nuqqas ta' konformità u mal-korpi notifikati, jiġu indirizzati f'dawn is-setturi, u għal raġunijiet ta' konsistenza tal-ambjent regolatorju ġenerali dwar il-prodotti, ġie deċiż li dawn id-direttivi jiġu allinjati f'pakkett mad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ.

**Konsistenza ma' politiki u għanijiet oħra tal-Unjoni**

Din l-inizjattiva hija konformi mal-Att dwar is-Suq Uniku[1], li saħaq fuq il-ħtieġa li terġa' tinkiseb il-fiduċja tal-konsumaturi fil-kwalità tal-prodotti fis-suq u l-importanza li tiġi infurzata s-sorveljanza tas-suq.

Barra minn hekk, din issostni l-politika tal-Kummissjoni dwar Regolamentazzjoni Aħjar u semplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju.

## 2. KONSULTAZZJONI TAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONI TAL-IMPATT

### Konsultazzjoni tal-partijiet interessati

L-allinjament tad-Direttiva 95/16/KE mad-Deċiżjoni tal-QLĠ ġie diskuss mal-esperti nazzjonali responsabbli għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, mal-grupp tal-korp notifikat, mal-grupp ta' kooperazzjoni amministrattiva, mal-korpi ta' standardizzazzjoni, mar-rappreżentanti għas-settur tal-liftijiet kif ukoll f'laqgħat bilaterali mal-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw l-installaturi tal-liftijiet, mal-manifatturi tal-komponenti tal-liftijiet u mal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fl-industrija tal-liftijiet, mat-trejdjunjins u mal-assoċjazzjonijiet tas-sidien tal-proprjetà.

Bejn Ġunju u Ottubru 2010 ġiet organizzata konsultazzjoni pubblika li kienet tinkludi s-setturi kollha involuti f'din l-inizjattiva. Kienet tikkonsisti f'erba' kwestjonarji mmirati għall-operaturi ekonomici, l-awtoritajiet, il-korpi notifikati u l-utenti u s-servizzi tal-Kummissjoni rċevew 300 tweġiba. Ir-riżultati jinsabu ppubblikati fuq:

http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/regulatory-policies-common-rules-for-products/new-legislative-framework/index_en.htm

Minbarra l-konsultazzjoni ġenerali, saret ukoll konsultazzjoni speċifika mal-SMEs. F'Mejju u Ġunju 2010 ġew ikkonsultati 603 SMEs permezz tan-Netwerk Ewropew tal-Intrapriżi. Ir-riżultati jinsabu ppubblikati fuq: http://ec.europa.eu/enterprise/policies/single-market-goods/files/new-legislative-framework/smes_statistics_en.pdf

Il-proċess ta' konsultazzjoni wera li hemm sostenn mifrux għall-inizjattiva. Teżisti unanimità fir-rigward tal-ħtieġa ta' titjib tas-sorveljanza tas-suq u tas-sistema għall-valutazzjoni u l-monitoraġġ tal-Korpi Notifikati. L-awtoritajiet isostnu bis-sħiħ l-eżerċizzju għaliex dan se jsaħħaħ is-sistemi eżistenti u jtejjeb il-kooperazzjoni fil-livell tal-UE. L-industrija tippretendi kundizzjonijiet aktar indaqs li jirriżultaw minn azzjonijiet aktar effettivi kontra l-prodotti li ma jikkonformawx mal-leġiżlazzjoni, kif ukoll effett ta' simplifikazzjoni permezz tal-alinjament tal-leġiżlazzjoni. Ġie espress ċertu tħassib dwar xi obbligi li huma, madankollu, indispensabbli biex tiżdied l-effiċjenza tas-sorveljanza tas-suq. Dawn il-miżuri mhumiex se jimplikaw spejjeż sinifikanti għall-industrija, u l-benefiċċji li jirriżultaw mit-titjib tas-sorveljanza tas-suq għandhom jipprevalu ferm fuq l-ispejjeż.

---

[1] Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2011) 206 finali.

**Ġbir u użu ta' għarfien espert**

Il-valutazzjoni tal-impatt għal dan il-pakkett ta' implimentazzjoni hi fil-biċċa l-kbira msejsa fuq il-valutazzjoni tal-impatt imwettqa għall-Qafas Leġiżlattiv Ġdid. Minbarra l-għarfien espert miġbur u analizzat f'dak il-kuntest, twettqet konsultazzjoni ulterjuri mal-esperti speċifiċi għas-settur u mal-gruppi interessati, kif ukoll mal-esperti orizzontali li huma attivi fil-qasam tal-armonizzazzjoni teknika, il-valutazzjoni tal-konformità, l-akkreditament u s-sorveljanza tas-suq.

L-għarfien espert estern intuża biex tinkiseb xi dejta bażika dwar ċerti setturi, inklużi l-istudji dwar il-liftijiet: (2004)[2] u (2007)[3].

**Valutazzjoni tal-impatt**

Il-Kummissjoni wettqet valutazzjoni tal-impatt, imsejsa fuq l-informazzjoni miġbura, li teżamina u tqabbel tliet għażliet.

**L-Għażla 1 – L-ebda tibdil fil-qagħda attwali**

Din l-għażla tipproponi li ma jsir l-ebda tibdil fid-direttiva attwali u sserraħ esklużivament fuq ċertu titjib li jista' jkun mistenni mir-Regolament tal-QLĠ.

**L-Għażla 2 – Allinjament tad-Deċiżjoni tal-QLĠ permezz tal-miżuri mhux leġiżlattivi**

L-għażla 2 tqis il-possibbiltà li jitħeġġeġ allinjament volontarju mad-dispożizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-QLĠ, pereżempju, billi jiġu ppreżentati bħala l-aħjar prassi fid-dokumenti ta' gwida.

**L-Għażla 3 – Allinjament mad-Deċiżjoni tal-QLĠ mill-miżuri leġiżlattivi**

Din l-għażla tikkonsisti fl-integrazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-QLĠ fid-Direttivi eżistenti.

L-Għażla 3 tqieset bħala l-għażla preferuta għaliex

– se ttejjeb il-kompetittività tal-kumpaniji u l-korpi notifikati billi tieħu l-obbligi tagħhom bis-serjetà, għall-kuntrarju ta' dawk li jqarrqu bis-sistema;

– se ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern billi tiżgura t-trattament indaqs tal-operaturi ekonomiċi kollha, partikolarment l-importaturi u d-distributuri, kif ukoll il-korpi notifikati;

– ma timplikax spejjeż sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi u l-korpi notifikati; għal dawk li diġà qed jaġixxu b'mod responsabbli, mhumiex mistennija spejjeż żedja jew mistennija biss spejjeż negliġibbli;

---

2 *Evalwazzjoni tal-Applikazzjoni tad-Direttiva dwar il-Liftijiet (95/16/KE).* Rapport finali lill-Kummissjoni Ewropea (DĠ ENTR) tal-21 ta' Ġunju 2004. [L-istudju eżamina l-funzjonament tad-Direttiva 95/16/KE f'seba' Stati Membri: Il-Belġju, il-Finlandja, il-Ġermanja, l-Italja, il-Portugall, Spanja u r-Renju Unit.]

3 Studju dwar *il-Valutazzjoni Teknika tal-Mezzi ta' Prevenzjoni tar-Riskju ta' Tgħaffiġ fuq Liftijiet suġġetti għad-Direttiva 95/16/KE*, ir-Rapport Numru ME/07/07 (2007). [L-għan tal-istudju kien li jiġi eżaminat jekk is-soluzzjonijiet disponibbli, għajr l-ispazju liberu jew ir-rifuġji, għall-prevenzjoni tar-riskju ta' tgħaffiġ, jistgħux jipprovdu livell ekwivalenti ta' sikurezza.]

– din l-għażla titqies aktar effettiva mill-Għażla 2: minħabba n-nuqqas ta' inforzabbiltà tal-Għażla 2, hemm dubju dwar kemm l-impatti pożittivi se jimmaterjalizzaw ruħhom skont dik l-għażla;

– l-Għażliet 1 u 2 ma jagħtux tweġibiet għall-problema tal-inkonsistenzi fil-qafas regolatorju u għalhekk, ma għandhom l-ebda impatt pożittiv fuq is-simplifikazzjoni tal-ambjent regolatorju.

## 3. ELEMENTI EWLENIN TAL-PROPOSTA

### 3.1. Definizzjonijiet orizzontali

Il-proposta tintroduċi definizzjonijiet armonizzati tat-termini li huma komunement użati fil-leġiżlazzjoni kollha tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u għandha għalhekk tingħata tifsira konsistenti f'dik il-leġiżlazzjoni kollha.

### 3.2. L-obbligi tal-operaturi ekonomiċi u r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà

Il-proposta tikkjarifika l-obbligi tal-installaturi, tal-manifatturi u tar-rappreżentanti awtorizzati u tintroduċi l-obbligi għall-importaturi u d-distributuri. L-importaturi għandhom jivverifikaw li l-manifattur ikun wettaq il-proċedura ta' valutazzjoni ta' konformità applikabbli u jkun ħejja d-dokumentazzjoni teknika. Dawn għandhom jiżguraw ukoll, flimkien mal-manifattur, li din id-dokumentazzjoni teknika tkun għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet wara talba għal dan. Barra minn hekk, l-importaturi għandhom jivverifikaw li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma mmarkati b'mod korrett u akkumpanjati mid-dokumenti meħtieġa. Għandhom iżommu kopja tad-Dikjarazzjoni ta' konformità u jindikaw isimhom u l-indirizz tagħhom fuq il-prodott, jew fejn dan ma jkunx possibbli fuq l-imballaġġ jew id-dokumentazzjoni ta' akkumpanjament. Id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-lift u l-komponent ta' sikurezza jkollhom fuqhom il-marka CE, l-isem tal-manifattur u tal-importatur, jekk ikun rilevanti, u li jkunu akkumpanjati mid-dokumentazzjoni u l-istruzzjonijiet meħtieġa.

L-importaturi u d-distributuri għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq u jieħdu l-azzjonijiet xierqa meta jkunu fornew komponenti ta' sikurezza mhux konformi għal-liftijiet.

**L-obbligi ta' traċċabbiltà msaħħa** huma introdotti għall-operaturi ekonomiċi kollha. Il-liftijiet għandu jkollhom fuqhom l-isem u l-indirizz tal-installatur kif ukoll numru li permezz tiegħu l-lift jista' jiġi identifikat u konness mad-dokumentazzjoni teknika tiegħu. Il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandu jkollhom fuqhom l-isem u l-indirizz tal-manifattur kif ukoll numru li permezz tiegħu l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet jistgħu jiġu identifikati u konnessi mad-dokumentazzjoni teknika tiegħu. Meta jiġi importat komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, għandu jkun hemm ukoll l-isem u l-indirizz tal-importatur fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet. Barra minn hekk, kull operatur ekonomiku għandu jkun kapaċi jidentifika quddiem l-awtoritajiet, l-operatur ekonomiku li jkun fornielu l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew li lilu jkun forna l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

### 3.3. Standards armonizzati

Il-konformità mal-istandards armonizzati tipprovdi għal suppożizzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali. Fl-1 ta' Ġunju 2011, il-Kummissjoni adottat

proposta għal Regolament dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea[4] li jistabbilixxi qafas legali orizzontali għall-istandardizzazzjoni Ewropea. Il-proposta għar-Regolament tinkludi inter alia dispożizzjonijiet dwar talbiet ta' standardizzazzjoni mill-Kummissjoni lill-Organizzazzjoni tal-Istandardizzazzjoni Ewropea, dwar il-proċedura għall-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati u dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati fil-proċess ta' standardizzazzjoni. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/16/KE li jkopru l-istess aspetti tħassru f'din il-proposta għal raġunijiet ta' ċertezza legali.

Id-dispożizzjoni li tikkonferixxi s-suppożizzjoni ta' konformità lill-istandards armonizzati ġiet modifikata biex tiċċara l-firxa tas-suppożizzjoni tal-konformità meta l-istandards ikopru biss parzjalment ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali.

## 3.4. Il-valutazzjoni ta' konformità u l-marka CE

Id-Direttiva 95/16/KE għażlet il-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità xierqa li l-manifatturi għandhom japplikaw biex juru li l-liftijiet installati minnhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali.

Il-proposta tallinja dawn il-proċeduri mal-verżjonijiet aġġornati tagħhom stabbiliti fid-Deċiżjoni tal-QLĠ. Elementi tal-proċeduri speċifiċi għas-settur inżammu. Din tintroduċi wkoll mudell għad-Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

Il-prinċipji ġenerali tal-marka CE huma stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament 765/2008, filwaqt li d-dispożizzjonijiet dettaljati dwar it-twaħħil tal-marka CE mal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikunu ddaħħlu f'din il-proposta.

## 3.5. Korpi Notifikati

Il-proposta tinforza l-kriterji ta' notifika għall-korpi notifikati. Din tiċċara li s-sussidjarji jew is-sottokuntratturi għandhom jikkonformaw ukoll mar-rekwiżiti ta' notifika. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-awtoritajiet notifikanti huma introdotti, u l-proċedura għan-notifika tal-korpi notifikati hija riveduta. Il-kompetenza ta' korp notifikat għandha tintwera permezz ta' ċertifikat ta' akkreditament. Meta l-akkreditament ma jkunx intuża biex tiġi evalwata l-kompetenza ta' korp notifikat, in-notifika għandha tinkludi d-dokumentazzjoni li turi kif il-kompetenza ta' dak il-korp tkun ġiet evalwata. L-Istati Membri se jkollhom il-possibbiltà li joġġezzjonaw għan-notifika.

## 3.6. Is-sorveljanza tas-suq u l-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja

Il-proposta tirrevedi l-proċedura ta' klawżola ta' salvagwardja eżistenti. Din tintroduċi fażi ta' skambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri, u tispeċifika l-passi li jridu jittieħdu mill-awtoritajiet ikkonċernati, meta jinstab lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jikkonformax. Proċedura ta' klawżola ta' salvagwardja reali, li twassal għal Deċiżjoni fil-livell tal-Kummissjoni dwar jekk miżura hijiex ġustifikata jew le, titnieda biss meta Stat Membru ieħor joġġezzjona għal miżura meħuda kontra lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet. Fejn ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil dwar il-miżura restrittiva meħuda, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-azzjoni xierqa fit-territorju tagħhom.

---

4 Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. COM(2011) 315 finali

### 3.7. Komitoloġija u Atti delegati

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE introduċa distinzjoni ċara bejn l-atti delegati (l-Artikolu 290) u l-atti ta' implimentazzjoni (l-Artikolu 291) u kkjarifika r-rwol tal-kumitati.

Id-Direttiva 95/16/KE tipprevedi Kumitat Permanenti. Billi dan il-kumitat mhuwiex involut fl-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni previsti fl-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-UE, u ma tidher l-ebda ħtieġa biex jiġu adottati atti ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva ġdida, din id-dispożizzjoni tħassret fil-proposta.

Il-Kummissjoni se twaqqaf grupp ta' ħidma ta' esperti skont il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Qafas għall-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni: regoli orizzontali u reġistru pubbliku[5], li se jwettaq il-ħidmiet tal-Kumitat Permanenti previst fid-Direttiva 95/16/KE, biex jeżamina kull kwistjoni marbuta mal-applikazzjoni tad-Direttiva.

Il-proposta tintroduċi s-setgħa għall-Kummissjoni li tadotta atti delegati sabiex tadatta l-lista ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet stabbiliti fl-Anness III għall-progress tekniku u l-evidenza xjentifika ġdida.

## 4. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA

**Bażi legali**

Il-proposta hi msejsa fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

**Il-prinċipju ta' sussidjarjetà**

Is-suq intern huwa kompetenza maqsuma bejn l-Unjoni u l-Istati Membri. Il-prinċipju ta' sussidjarjetà jitfaċċa b'mod partikolari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet ġodda miżjuda li jimmiraw għat-titjib tal-infurzar effettiv tad-Direttiva 95/16/KE, jiġifieri, l-obbligi tal-importatur u tad-distributur, id-dispożizzjonijiet ta' traċċabbiltà, id-dispożizzjonijiet dwar il-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi notifikati, u l-obbligi ta' kooperazzjoni msaħħa fil-kuntest tal-proċeduri riveduti ta' salvagwardja u sorveljanza tas-suq.

L-esperjenza bl-infurzar tal-leġiżlazzjoni wriet li l-miżuri meħuda fil-livell nazzjonali wasslu għal approċċi diverġenti u għal trattament differenti tal-operaturi ekonomiċi fl-UE, u dan idgħajjef l-għan ta' din id-Direttiva. Jekk l-azzjonijiet jittieħdu fil-livell nazzjonali biex jindirizzaw il-problemi, hemm riskju li jinħolqu ostakli għall-moviment liberu tal-merkanzija. Barra minn hekk, l-azzjoni fil-livell nazzjonali hi limitata għall-kompetenza territorjali ta' Stat Membru. Fid-dawl tal-internazzjonalizzazzjoni akbar tal-kummerċ, l-għadd ta' każijiet transkonfinali qiegħed dejjem jiżdied. L-objettivi stabbiliti jistgħu jinkisbu ferm aħjar permezz ta' azzjoni kkoordinata fil-livell tal-UE, u twassal b'mod partikolari għal sorveljanza aktar effettiva tas-suq. Għaldaqstant, hu aktar xieraq li tittieħed azzjoni fil-livell tal-UE.

Fir-rigward tal-problema tal-inkonsistenzi li hemm fid-direttivi, din hija problema li tista' tissolva biss mil-leġiżlatur tal-UE.

[5] C(2010) 7649 finali

### Il-proporzjonalità

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, il-modifiki proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jinkisbu l-objettivi stabbiliti.

L-obbligi ġodda jew modifikati ma jimponux piżijiet u spejjeż bla bżonn fuq l-industrija, speċjalment fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, jew l-amministrazzjonijiet. Fejn il-modifiki ġew identifikati li jħallu impatti negattivi, l-analiżi tal-impatti tal-għażla jservu biex jipprovdu r-rispons l-aktar proporzjonat għall-problemi identifikati. Għadd ta' modifiki jikkonċernaw it-titjib taċ-ċarezza tad-Direttiva eżistenti mingħajr ma jintroduċu rekwiżiti ġodda li jimplikaw aktar spejjeż.

### It-teknika leġiżlattiva użata

L-allinjament tad-Deċiżjoni tal-QLĠ jirrikjedi għadd ta' emendi sostantivi fid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/16/KE. Sabiex ikun żgurat li t-test emendat jista' jinqara, it-teknika ta' riformulazzjoni ntgħażlet b'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali tat-28 ta' Novembru 2001 dwar użu aktar strutturat tat-teknika ta' riformulazzjoni għall-atti legali[6].

It-tibdil li sar lid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 95/16/KE jikkonċerna: id-definizzjonijiet, l-obbligi tal-operaturi ekonomiċi, is-suppożizzjoni ta' konformità pprovduta permezz tal-istandards armonizzati, id-dikjarazzjoni ta' konformità, il-marka CE, il-korpi notifikati, il-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja u l-proċeduri ta' valutazzjoni ta' konformità.

Il-proposta ma tibdilx il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 95/16/KE u r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali.

## 5. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din il-proposta ma għandha l-ebda implikazzjoni għall-baġit tal-Unjoni.

## 6. INFORMAZZJONI ADDIZZJONALI

### Ir-revoka tal-leġiżlazzjoni eżistenti

L-adozzjoni tal-proposta se twassal għar-revoka tad-Direttiva 95/16/KE.

### Żona Ekonomika Ewropea

Il-proposta tikkonċerna ż-ŻEE u għandha għalhekk tkun estiża għaż-Żona Ekonomika Ewropea.

---

[6] ĠU C 77, 28.3.2002, p. 1–3

🡻 95/16/KE (adattat)

2011/0354 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar l-approssimazzjoni ⌦ tal-armonizzazzjoni ⌫ tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward ⌦ tad-disponibbiltà fis-suq ta' ⌫ ~~tal-~~lifts ⌦ u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ⌫**

**(Riformulazzjoni)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat ~~li jistabilixxi l-Komunità Ewropea~~ ⌦ dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ⌫ , u b'mod partikolari l-Artikolu ~~113~~ ⌦ 114 ⌫ tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abozz tal-att leġiżlattiv lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[7],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja

Billi:

🡻 95/16/KE premessa 1

~~Billi l-Istati Membri huma responsabbli fit-territorju tagħhom għas-saħħa u s-sigurtà tal-poplu;~~

🡻 95/16/KE premessa 2 (adattat)

~~Billi l-paragrafi 65 u 68 tal-Abbozz ta' Rapport dwar it-tlestija tas-suq intern, approvata mill-Kunsill Ewropew f'Ġunju 1985, ipprovda għal attitudni ġdida għall-approssimazzjoni ta' liġijiet;~~

7 ĠU C […].

🡻 95/16/KE premessa 3 (adattat)

~~Billi d-Direttiva tal-Kunsill 84/529/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-lifts li jaħdmu bl-elettriku, bl-idrawliku jew biż-żejt u l-elettriku[8] ma tassigurax il-libertà tal-moviment tat-tipi kollha ta' lifts; billi d-disparitajiet bejn id-diposizzjonijiet dwar il-kostruzzjoni tas-sistemi varji nazzjonali għal tipi ta' lifts mhux koperti bid-Direttiva 84/529/KEE jikonstitwixxu barrieri għall-kummerċ fil-Komunità; billi r-regoli nazzjonali dwar lifts għandhom għalhekk ikunu armomizzati;~~

🡻 95/16/KE premessa 4 (adattat)

~~Billi Direttiva tal-Kunsill 84/528/KEE tas-17 ta' Settembru 1984 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw dispożizzjonijiet komuni għall-apparati tal-irfigħ u tqandil mekkaniku[9] iservu bħala Direttiva ta' qafas għal żewġ Direttivi speċifiċi, jiġifieri d-Direttiva 84/529/KEE u d-Direttiva tal-Kunsill 86/663/KEE tat-22 ta' Diċembru 1986 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw trakkijiet industrijali bi propulzjoni minnhom infushom[10], imħassra bid-Direttiva tal-Kunsill 91/368/KEE tal-20 ta' Ġunju 1991 li temenda d-Direttiva 89/392/KEE dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li jirrigwardjaw il-makkinarju[11];~~

⇩ ġdid

(1) Id-Direttiva 95/16/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Mejju 1997 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-lift[12], ġiet emendata sostanzjalment għal bosta drabi. Billi għandhom isiru iżjed emendi, għandha tiġi riformulata fl-interess taċ-ċarezza.

(2) Ir-Regolament (KE) Nru 765/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 li jistabbilixxi r-rekwiżiti għall-akkreditament u għas-sorveljanza tas-suq relatati mal-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 339/93[13] jistabbilixxi regoli dwar l-akkreditament tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jipprovdi qafas għas-sorveljanza tas-suq tal-prodotti u għall-kontrolli fuq il-prodotti minn pajjiżi terzi, u jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali tal-marka CE Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, jeħtieġ li jiġi ċċarat li r-regoli dwar is-sorveljanza fis-suq tal-Unjoni u l-kontroll ta' liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, previsti fir-Regolament (KE) Nru 765/2008 japplikaw għal liftijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet koperti b'din id-Direttiva. Din id-Direttiva ma għandhiex tipprevjeni lill-Istati Membri milli jagħżlu l-awtoritajiet kompetenti biex iwettqu dawk il-ħidmiet.

---

8 ~~ĠU Nru L 300, 19. 11. 1984, p. 86. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 90/486/EEC (ĠU Nru L 270, 2. 10. 1990, p. 21).~~

9 ~~ĠU Nru L 300, 19. 11. 1984, p. 72. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 88/665/EEC (ĠU Nru L 382, 31. 12. 1988, p. 42).~~

10 ~~ĠU Nru L 384, 31. 12. 1986, p. 12.~~

11 ~~ĠU Nru L 198, 22. 7. 1991, p. 16.~~

12 ĠU L 213, 7. 9. 1995, p. 1.

13 ĠU L 218, 13.8.2008, p. 30.

(3) Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar qafas komuni għall-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti u li tħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE[14] tistabbilixxi qafas komuni ta' prinċipji ġenerali u dispożizzjonijiet ta' referenza maħsuba biex japplikaw għal-leġiżlazzjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti sabiex tipprovdi bażi koerenti għar-reviżjoni jew ir-riformulazzjonijiet ta' dik il-leġiżlazzjoni. Għaldaqstant, id-Direttiva 95/16/KE għandha tiġi adattata għal dik id-Deċiżjoni.

---

🡻 95/16/KE premessa 5 (adattat)

(4) ~~Billi~~ ~~f~~Fit-8 ta' Ġunju 1995 il-Kummissjoni adottat ir-rakkomandazzjoni Nru 95/216/KE[15] għall-Istati Membri li tikkonċerna titjib fis-sigurtà tal-lifts eżistenti~~;~~.

---

🡻 95/16/KE premessa 6 (adattat)

~~Billi l-ħtiġiet essenzjali ta' din id-Direttiva jiggarantixxu l-livell maħsuba ta' sigurtà biss jekk proċeduri xierqa ta' stima ta' komformità, magħżula minn fost id-dispożizzjonijiet tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 93/465/KEE tat-22 ta' Lulju 1993 fir-rigward tal-moduli tad-diversi fażijiet tal-proċeduri ta' stima mal-konformità u mar-regoli dwar it-twaħħil u l-użu tal-marka tal-konformità CE, li huma maħsuba għall-użu fid-direttivi ta' armonizzazzjoni teknika[16] jassiguraw konformità magħhom;~~

---

🡻 95/16/KE premessa 7 (adattat)

~~Billi il-marki CE għandhom ikunu mwaħħla fejn jidhru ma' lifts u ma' ċerti komponenti ta' sigurtà ta' lifts li jilħqu l-ħtiġiet essensjali tas-saħħa u sigurtà ta' din id-Direttiva biex ikun jippermettilhom li jitqiegħdu fuq is-suq;~~

---

🡻 95/16/KE premessa 8 (adattat)

~~Billi din id-Direttiva tiddiffenixxi biss il-ħtiġiet ġenerali essenzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà; billi, sabiex il-manifatturi jkunu megħjuna biex jagħtu prova tal-konformità ma' dawn il-ħtiġiet essenzjali, huwa mixtieq l-istandards ikunu armonizzati fuq livell Ewropew fir-rigward tal-prevenzjoni tar-riskji li joriġinaw mid-disinn u l-installazzjoni ta' lifts, u wkoll sabiex jiffaċilitaw li il-konformità mal-ħtiġiet essenzjali jkunu vverifikati; billi dawn l-istandards huma mħejjija f'livell Ewropew minn korpi ta' liġi privata u għandhom iżommu l-istatus tagħhom li ma jorbotx; billi, għal dan l-iskop, il-Kumitat Ewropew għall- Istandardizzazzjoni (CEN) u l-Kumitat Ewropew għal Standardizzazzjoni Elettro-mekkanika (Cenelec) huma rikonoxxuti bħala l-korpi kompetenti għall-Standardizzazzjoni tal-istandards armonizzati skont il-linji ta' gwida ġenerali għall-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u CEN u Cenelec iffermat fit-13 ta' Novembru 1984; billi standard armonizzat skont it-tifsira ta' din id-Direttiva hija speċifikazzjoni teknika adotta mis-CEN u/jew Cenelec fuq il-bażi ta' mandat mill-Kummissjoni skont id- Direttiva tal-Kunsill 83/189/KEE tat-28 ta' Marzu 1983 li~~

---

[14] ĠU L 218, 13.8.2008, p. 82.

[15] ĠU L 134, 20. 6. 1995, p. 37.

[16] ~~ĠU L 220, 30. 8. 1993, p. 23.~~

~~tistipula proċedura għall-provvista ta' informazzjoni fil-qasam tal-istandards tekniċi u r-regolament[17] u skont il-linji ta' gwida ġenerali msemmija hawn fuq;~~

---

🡻 95/16/KE premessa 10 (adattat)

~~Billi din id-Direttiva hija meħsuba biex tkopri r-riskji kollha kkawżati mil-lifts u mħaddma minn dawk li jgħamlu użu minnhom u mill-okkupanti tal-bini; billi din id-Direttiva għandha għalhekk tkun meqjusa bħala Direttiva skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE tal-21 ta' Diċembru 1988 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrigwardjaw prodotti tal-bini[18];~~

---

🡻 95/16/KE premessa 11(adattat)

~~Billi ftehim fuq il-modus vivendi bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni fir-rigward tal-miżuri ta' implimentazzjoni għal atti adottati skont il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 189b tat-Trattat KE kien intlaħaq fl-20 ta' Diċembru 1994,~~

---

⇩ ġdid

(5) L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu responsabbli għall-konformità tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, b'rabta mar-rwoli rispettivi tagħhom fil-katina ta' provvista, sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-interessi pubbliċi, bħalma huma s-saħħa u s-sikurezza, u l-protezzjoni tal-konsumaturi u biex tkun garantita l-kompetizzjoni ġusta fis-suq tal-Unjoni.

(6) L-operaturi ekonomiċi kollha li jintervjenu fil-katina ta' provvista u distribuzzjoni għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li jagħmlu disponibbli fis-suq biss il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Jeħtieġ li tkun prevista distribuzzjoni ċara u proporzjonata tal-obbligi li jikkorrispondu mar-rwol ta' kull operatur fil-proċess ta' provvista u distribuzzjoni.

(7) Il-manifattur u l-installatur, li jkollhom l-għarfien dettaljat tal-proċess ta' disinn u produzzjoni, huma fl-aħjar pożizzjoni biex iwettqu l-proċedura kompluta ta' valutazzjoni tal-konformità. Għaldaqstant, l-obbligu ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jibqa' tal-installatur jew tal-manifattur biss.

(8) Jeħtieġ li jiġi żgurat li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet minn pajjiżi terzi li jidħlu fis-suq tal-Unjoni, ikunu konformi mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, u b'mod partikolari li jkunu twettqu l-proċeduri ta' valutazzjoni xierqa mill-manifattur fir-rigward ta' dawk il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. Għaldaqstant, għandha ssir dispożizzjoni għall-importaturi biex ikun żgurat li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jqiegħdu fis-suq jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva u li ma jqiegħdux fis-suq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li ma jikkonformawx ma' tali rekwiżiti jew li jippreżentaw riskju. Għandu jsir ukoll provvediment għall-importaturi biex ikun żgurat li l-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu twettqu u li l-

---

17 ~~ĠU Nru L 109, 26. 4. 1983, p. 8. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 94/10/KE (ĠU Nru L 100, 19. 4. 1994, p. 30).~~

18 ~~ĠU L 40, 11. 2. 1989, p. 12.~~

marka tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u d-dokumentazzjoni mħejjija mill-manifattur ikunu disponibbli għall-ispezzjoni mill-awtoritajiet superviżorji.

(9) Id-distributur jagħmel disponibbli fis-suq komponent ta' sikurezza għal-liftijiet wara li jkun tqiegħed fis-suq mill-manifattur jew mill-importatur u għandu jaġixxi bir-reqqa biex jiżgura li t-trattament tiegħu tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jaffettwax b'mod negattiv il-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

(10) Meta jqiegħed fis-suq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, kull importatur għandu jindika fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet l-isem u l-indirizz tiegħu fejn jista' jiġi kkuntattjat. Għandu jsir provvediment għall-eċċezzjonijiet f'każijiet fejn id-daqs jew in-natura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma tippermettix dan. Dan jinkludi każijiet fejn l-importatur ikollu jiftaħ l-imballaġġ biex jindika l-isem u l-indirizz tiegħu fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

(11) Kull operatur ekonomiku li jqiegħed fis-suq lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet taħt ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu jew jimmodifika lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet b'tali mod li tista' tiġi affettwata l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva, għandu jitqies bħala l-installatur jew il-manifattur u għandu jassumi l-obbligi tal-installatur jew il-manifattur.

(12) Id-distributuri u l-importaturi, billi huma qrib tas-suq, għandhom ikunu involuti fil-ħidmiet ta' sorveljanza tas-suq imwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandhom ikunu lesti li jipparteċipaw b'mod attiv, billi jipprovdu lil dawk l-awtoritajiet bl-informazzjoni kollha meħtieġa marbuta mal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati.

(13) L-iżgurar tat-traċċabbiltà ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fil-katina sħiħa ta' provvista jgħin biex is-sorveljanza tas-suq issir aktar sempliċi u effiċjenti. Sistema ta' traċċabbiltà effiċjenti tiffaċilita l-ħidma tal-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq biex jittraċċaw l-operaturi ekonomiċi li għamlu disponibbli fis-suq liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi.

(14) Din id-Direttiva għandha tkun limitata għall-espressjoni tar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali. Sabiex tiġi ffaċilitata l-valutazzjoni tal-konformità għal lifijiet u komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jikkonformaw ma' dawk ir-rekwiżiti, jeħtieġ li jsir provvediment għas-suppożizzjoni ta' konformità għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma konformi mal-istandards armonizzati li huma adottati skont ir-Regolament (UE) Nru [../..] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-[...] dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea u li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttivi 94/9/KE, 94/25/KE, 95/16/KE, 97/23/KE, 98/34/KE, 2004/22/KE, 2007/23/KE, 2009/105/KE u 2009/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19] għall-iskop biex ikunu espressi speċifikazzjonijiet tekniċi dettlajati ta' dawk ir-rekwiżiti. Ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali ta' din id-Direttiva se jiggarantixxu l-livell maħsub ta' sikrurezza biss jekk ikun hemm proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità xierqa li jiżguraw il-konformità magħhom.

---

19 ĠU C […], [Data], p. […].

(15) Ir-Regolament (UE) Nru [../..] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea] jipprevedi proċedura għall-oġġezzjonijiet għall-istandards armonizzati fejn dawk l-istandards ma jissodisfawx bis-sħiħ ir-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

(16) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu juru u biex l-awtoritajiet kompetenti jiżguraw li l-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li saru disponibbli fis-suq huma konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali, jeħtieġ li jsir provvediment għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Id-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE tistabbilixxi moduli għall-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li jinkludu proċeduri mill-anqas sal-aktar stretti, fi proporzjon mal-livell ta' riskju involut u l-livell ta' sikurezza meħtieġa. Sabiex tkun żgurata l-koerenza intersettorjali u biex ikunu evitati varjanti ad hoc, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jintgħażlu minn fost dawk il-moduli

(17) L-installatur jew il-manifattur għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE biex jipprovdi informazzjoni dettaljata dwar il-konformità ta' lift jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mar-rekwiżiti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni rilevanti dwar l-armonizzazzjoni.

(18) Il-marka CE, li tindika l-konformità ta' lift jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, hija r-riżultat viżibbli ta' proċess sħiħ li jinkludi l-valutazzjoni ta' konformità f'sens wiesa'. Prinċipji ġenerali li jirregolaw il-marka CE huma stipulati fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Regoli li jirregolaw it-twaħħil tal-marka CE għandhom jiġu stipulati f'din id-Direttiva.

(19) Il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stipulati f'din id-Direttiva jeħtieġu l-intervent tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, li huma notifikati mill-Istati Membri lill-Kummissjoni.

(20) L-esperjenza wriet li l-kriterji stabbiliti fid-Direttiva 95/16/KE li l-korpi tal-valutazzjoni tal-konformità għandhom jissodisfaw biex ikunu notifikati lill-Kummissjoni mhumiex biżżejjed biex jiżguraw livell għoli u uniformi ta' operat tal-korpi notifikati fl-Unjoni Ewropea kollha. Madankollu, huwa essenzjali li l-korpi kollha notifikati jwettqu l-funzjonijiet tagħhom fl-istess livell u skont kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni ġusta. Dan jirrikjedi li jkunu ffissati rekwiżiti obbligatorji għall-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jixtiequ li jkunu notifikati sabiex jipprovdu servizzi ta' valutazzjoni tal-konformità.

(21) Sabiex ikun żgurat livell konsistenti ta' kwalità tal-valutazzjoni tal-konformità jeħtieġ ukoll li jkunu ffissati rekwiżiti għall-awtoritajiet notifikanti u korpi oħra involuti fil-valutazzjoni, fin-notifika u l-monitoraġġ tal-korpi notifikati.

(22) Jekk xi korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri konformità mal-kriterji stipulati fl-istandards armonizzati, għandha tiġi preżunta l-konformità mar-rekwiżiti korrispondenti stabbiliti f'din id-Direttiva.

(23) Is-sistema stabbilita f'din id-Direttiva għandha tkun ikkomplementata mis-sistema ta' akkreditament prevista fir-Regolament (KE) Nru 765/2008. Billi l-akkreditament huwa mezz essenzjali ta' verifika tal-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, għandu jintuża wkoll għal finijiet ta' notifika.

(24) L-akkreditament trasparenti kif previst fir-Regolament (KE) Nru 765/2008, li jiżgura l-livell neċessarju ta’ fiduċja fiċ-ċertifikati ta' konformità, għandu jitqies mill-awtoritajiet pubbliċi nazzjonali fl-Unjoni kollha bħala l-mezz preferut biex tintwera l-kompetenza teknika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità. Madankollu, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jqisu li għandhom f’idejhom il-mezzi xierqa biex iwettqu l-valutazzjoni huma stess. F'dawn il-każijiet, sabiex jiġi żgurat livell xieraq ta' kredibbiltà tal-evalwazzjonijiet imwettqa minn awtoritajiet nazzjonali oħra, dawn għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra l-evidenza dokumentarja meħtieġa li turi l-konformità tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jiġu evalwati, mar-rekwiżiti regolatorji rilevanti.

(25) Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità sikwit jagħtu b'sottokuntratt partijiet mix-xogħol tagħhom marbuta mal-valutazzjoni tal-konformità jew jgħadduh lil sussidjarju. Biex ikun salvagwardjat il-livell ta’ protezzjoni meħtieġ għall-prodotti biex jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni, huwa essenzjali li għall-valutazzjoni ta' konformità, is-sottokuntratturi u s-sussidjarji jissodisfaw l-istess rekwiżiti bħall-korpi notifikati marbuta mat-twettiq ta' ħidmiet ta' valutazzjoni tal-konformità. Għalhekk, huwa importanti li l-valutazzjoni tal-kompetenza u l-prestazzjoni tal-korpi li jridu jiġu notifikati u l-monitoraġġ ta' korpi diġà notifikati jkopru wkoll l-attivitajiet imwettqa minn sottokuntratturi u sussidjarji.

(26) Jeħtieġ li jiżdiedu l-effiċjenza u t-trasparenza tal-proċedura tan-notifika u b'mod partikolari, li tiġi adattata għal teknoloġiji ġodda biex tkun tista' ssir notifika onlajn.

(27) Billi korpi notifikati jistgħu joffru s-servizzi tagħhom fit-territorju kollu tal-Unjoni, huwa xieraq li Stati Membri oħra u l-Kummissjoni jingħataw l-opportunità li jagħmlu oġġezzjonijiet fir-rigward tal-korp notifikat. Għaldaqstant, huwa importanti li jkun previst perjodu li matulu kull dubju jew tħassib dwar il-kompetenza tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità jkunu jistgħu jiġu kkjarifikati qabel ma jibdew jaħdmu bħala korpi notifikati.

(28) Fl-interessi tal-kompetittività huwa kruċjali li l-korpi notifikati japplikaw il-proċeduri ta’ valutazzjoni tal-konformità mingħajr ma joħolqu xi piż bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Għall-istess raġuni u biex jiġi żgurat trattament ugwali tal-operaturi ekonomiċi, għandha tiġi żgurata l-konsistenza fl-applikazzjoni teknika tal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità. Dak jista' jinkiseb l-aħjar permezz ta' koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifkati.

(29) Id-Direttiva 95/16/KE diġà tipprovdi għal proċedura ta' salvagwardja li tapplika biss fil-każ ta' nuqqas ta' qbil bejn l-Istati Membri dwar miżuri meħuda minn Stat Membru. Biex tiżdied it-trasparenza u biex jitnaqqas iż-żmien tal-ipproċessar jeħtieġ li tittejjeb il-proċedura tal-klawżola ta' salvagwardja eżistenti, bl-għan li ssir aktar effiċjenti u biex jintuża l-għarfien espert li jista' jinkiseb fl-Istati Membri.

(30) Is-sistema eżistenti għandha tkun supplimentata bi proċedura li skontha l-partijiet interessati jiġu informati bil-miżuri maħsuba biex jittieħdu fir-rigward ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza tal-persuni jew għal aspetti oħra ta’ protezzjoni ta’ interess pubbliku. Din għandha tippermetti wkoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq, b’kooperazzjoni mal-operaturi ekonomiċi rilevanti, li jaġixxu fi stadju aktar bikri fir-rigward ta' dawn il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

(31) Fejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni jaqblu dwar il-ġustifikazzjoni ta' miżura meħuda minn Stat Membru, ma għandux jinħtieġ involviment ulterjuri tal-Kummissjoni, ħlief fejn in-nuqqas ta' konformità jkun jista' jiġi attribwit lin-nuqqasijiet ta' standard armonizzat.

(32) Sabiex il-lista ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet tinżamm aġġornata, is-setgħa li jiġu adottati l-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, għandha tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-adattamenti tal-Anness III għal din id-Direttiva, għall-progress tekniku u għall-evidenza xjentifika ġdida. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa fil-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell ta' esperti.

(33) Meta tħejji u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

(34) Sabiex tiġi monitorjata u żgurata l-effiċjenza fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri għandhom jintalbu jibagħtu rapport dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha mbagħad tfassal u tippubblika sommarju tar-rapporti.

(35) L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu regoli dwar il-pieni applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u jiżguraw li dawn ikunu implimentati. Dawk il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

(36) Billi l-għan ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tiżgura li l-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet fis-suq jissodisfaw ir-rekwiżiti li jipprovdu livell għoli ta' protezzjoni ta' saħħa u sikurezza u interessi pubbliċi oħra, filwaqt li tiggarantixxi l-funzjonament tas-suq intern, ma jistax jinkiseb biżżejjed mill-Istati Membri u jista', għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti tiegħu, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, kif imsemmi fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-għan..

---

| ↓ 95/16/KE premessa 9 (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

(37) ~~Dispożizzjoni għandha ssir~~ ⌦ Jeħtieġ li jsir provvediment ⌫ għall-arranġamenti tranżitorji ~~biex tippermetti lil dawk li jinstallaw li jqiegħdu fis-suq lifts manifatturati qabel id-data tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva;~~ ⇨ li jippermettu t-tqegħid fis-suq u t-tħaddim ta' liftijiet li diġà tqiegħdu fis-suq skont id-Direttiva 95/16/KE. ⇦

---

| ⇩ ġdid |
|---|

(38) Jeħtieġ li jsir provvediment għal arranġamenti tranżitorji li jippermettu d-disponibbiltà fis-suq ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li diġà tqiegħdu fis-suq skont id-Direttiva 95/16/KE.

(39) L-obbligu li tiġi trasposta din id-Direttiva fil-liġi nazzjonali għandu jiġi limitat għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirrappreżentaw bidla sostantiva meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti. L-obbligu ta' traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li ma nbidlux joriġina mid-Direttiva preċedenti.

(40) Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi stipulati fil-Parti B tal-Anness XIII.

---

| ➔ 95/16/KE (adattat) |
|---|

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## KAPITOLU I

### ~~SKOP, TQEGĦID FUQ IS-SUQ U MOVIMENT ĦIELES~~

## ⌦ DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI ⌫

*Artikolu 1*

*⌦ Kamp ta' applikazzjoni ⌫*

1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal-lifts li permanentement iservu bini u kostruzzjoni ~~Għandha wkoll tapplika għall-komponenti ta' sigurtà għall-użu f'dawk il-lifts elenkati fl-Anness IV .~~

---

| ➔ 2006/42/KE Art. 24.1 (adattat) |
|---|

~~2. Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, "lift" għandu jfisser apparat biex iservi livelli speċifiċi, li jkollu kabina li tiċċaqlaq matul gwidi li huma riġidi u inklinati f'angolu ta' aktar minn 15 il-grad mal-orizzontali~~ u maħsuba għat-trasport ta':

---

| ➔ 2006/42/KE Art. 24.1 |
|---|

(a) – persuni,;

(b) – persuni u oġġetti,;

(c) – oġġetti biss jekk il-kabina tkun aċċessibbli, jiġifieri, persuna tista' tidħol fiha mingħajr diffikultà, u fornuti b'kontrolli li jkunu jinstabu fin-naħa ta' ġewwa tal-kabina u li jistgħu jintlaħqu mill-persuna li tkun ġewwa.

↓ 95/16/KE (adattat)

⌦ Din id-Direttiva għandha wkoll tapplika għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għall-użu f'dawk il-liftijiet elenkati fl-Anness III. ⌫

↓ 2006/42/KE Art. 24.1 (adattat)

~~Lifts li jiċċaqalqu f'korsa fissa wkoll meta dawn ma jiċċaqalqux matul gwidi li huma riġidi għandhom jidħlu fl-iskop ta' din id-Direttiva.~~

↓ 2006/42/KE Art. 24.1

~~3.~~2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

(a) ~~-~~ mezzi tal-irfigħ li l-veloċità tiegħu ma tkunx akbar minn 0,15 m/s;

(b) ~~-~~ għodod tal-irfigħ tas-siti ta' kostruzzjoni;

(c) ~~-~~ seġġjo vija, inklużi ferroviji tal-funikular;

(d) ~~-~~ lifts ta' disinn speċifiku u maħduma għal skopijiet militari jew tal-pulizija;

(e) ~~-~~ il-mezzi tal-irfigħ minn fejn jista' jsir ix-xogħol;

(f) ~~-~~ ingranaġġ tat-tkebbib tal-minieri;

(g) ~~-~~ tagħmir tal-irfigħ intiżi sabiex jerfgħu artisti waqt il-wirjiet artistiċi;

(h) ~~-~~ tagħmir tal-irfigħ mgħammar f'mezzi tat-trasport;

(i) ~~-~~ tagħmir tal-irfigħ imqabbad mal-makkinarju u intiż esklużivament għall-aċċess għal postijiet tax-xogħol inklużi l-postijiet ta' manutenzjoni u l-ispezzjoni fuq il-makkinarju;

(j) ~~-~~ ferroviji ta' fuq is-snien u roti bis-snien;

(k) ~~-~~ skalaturi u passaġġi mekkaniċi fejn jimxu n-nies.

↓ 95/16/KE (adattat)

~~5.~~3. Meta, għal lifts ⌦ jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ⌫, ir-riskji li hemm referenza dwarhom f'din id-Direttiva jkunu kollha kemm huma jew parti minnhom koperti ~~b'Direttivi~~ ⌦ b'leġiżlazzjoni tal-Unjoni ⌫ speċifik~~ċi~~a, ⌦ u b'mod partikolari d-Direttiva 2006/42/KE[20] u d-Direttiva 2004/108/KE[21], ⌫ din id-Direttiva ma għandhiex tkun applikabbli jew għandha tieqaf milli tapplika fil-każ ta' dawk il-lifts ⌦ jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ⌫ u dawk ir-riskji sa mill-applikazzjoni ta' ~~dawk id-Direttivi~~ ⌦ dik il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ⌫ speċifik~~ċi~~a.

[20] ĠU L 157, 9.06.2006, p. 24.
[21] ĠU L 390, 31.12.2004, p. 24.

*Artikolu 2 [l-Artikolu R1 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*⌦ Definizzjonijiet ⌫*

~~4.~~ Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva ⌦ japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin ⌫ :

---

↓ 2006/42/KE Art. 24.1 (adattat)

⌦ (1) "lift" tfisser mezz tal-irfigħ li jservi livelli speċifiċi, li għandu karru li jimxi tul gwidi li huma riġidi u inklinati f'angolu ta' aktar minn 15 il-grad mal-orizzontali, jew mezz tal-irfigħ li jimxi tul korsa fissa anki meta ma jimxix tul gwidi li huma riġidi; ⌫

(2) 'Karru' tfisser parti mil-lift li permezz tiegħu l-persuni u/jew il-merkanzija huma merfugħin sabiex ikunu mgħollija jew imniżżla~~,~~;

---

↓ 95/16/KE (adattat)

(3)~~-~~ "lift kampjun" ~~għandha~~ tfisser lift rappreżentattiv li ~~d-dossier~~ ⌦ l-fajl ⌫ tekniku tiegħu juri l-mezz ta' kif il-ħtiġijiet essenzjali ta' ⌦ saħħa u ⌫ sigurtà ⌦ stabbiliti fl-Anness I ⌫ jkunu milħuqa għal lifts li jkunu konformi mal-lift kampjun definit permezz ta' parametri oġġettivi u li juża komponenti identiċi ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫~~,~~;

(4)~~-~~ "~~dak li jinstalla l-lift~~ ⌦ l-installatur ⌫ " ~~għandha~~ tfisser persuna naturali jew legali li tieħu r-responsabbilità għad-disinn, manifattura, installazzjoni u tqegħid fis-suq tal-lift ~~u li jwaħħal il-marka CE u jħejji d-dikjarazzjoni KE ta' konformità,~~;

~~– "it-tqegħid fuq is-suq ta' lift" għandu jseħħ meta dak li jinstalla jagħmel il-lift disponibbli għall-utent għall-ewwel darba,~~

~~– "komponent ta' sigurtà" għandha tfisser komponent kif elenkat fl-Anness IV,~~

~~– il-'manifattur ta' komponenti ta' sigurtà għandha tfisser persuna naturali jew legali li tieħu r-responsabbilità għad-disinn, manifattura, installazzjoni u tqegħid fis-suq tal-komponenti ta' sigurtà u li twaħħal il-marka CE u tħejji d-dikjarazzjoni KE ta' konformità,~~

---

⇩ ġdid

(5) "id-disponibbiltà fis-suq tfisser kull provvista ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq tal-Unjoni jew kull provvista ta' lift għall-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm bi ħlas kif ukoll bla ħlas;

(6) "it-tqegħid fis-suq" tfisser l-ewwel darba li lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun disponibbli fis-suq tal-Unjoni;

(7) "manifattur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika li timmanifattura komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, jew li għandha komponent ta' sikurezza għal-liftijiet iddisinjat jew immanifatturat u li tikkummerċjalizzah f'isimha jew il-marka kummerċjali tagħha;

(8) "rappreżentant awtorizzat" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni li tkun irċeviet mandat bil-miktub mingħand il-manifattur sabiex taġixxi f'ismu b'rabta ma' kompiti speċifiċi;

(9) "importatur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika stabbilita fl-Unjoni, li tqiegħed komponent ta' sikurezza għal-liftijiet minn pajjiż terz fis-suq tal-Unjoni;

(10) "distributur" tfisser kull persuna fiżika jew ġuridika fil-katina ta' provvista, għajr il-manifattur jew l-importatur, li tagħmel il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet disponibbli fis-suq;

(11) "operaturi ekonomiċi" tfisser il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, l-importatur jew id-distributur ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew l-installatur;

(12) "standard armonizzat" tfisser standard armonizzat kif definit fl-Artikolu 2(1)c tar-Regolament (UE) Nru [../..] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea];

(13)"speċifikazzjoni teknika" tfisser dokument li jistipula r-rekwiżiti tekniċi li jridu jiġu sodisfatti minn lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;

(14) "valutazzjoni tal-konformità" tfisser il-proċess li juri jekk ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I marbuta ma' lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, proċess u sistema ġewx sodisfatti;

(15) "korp ta' valutazzjoni tal-konformità" tfisser korp li jwettaq attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità inklużi l-kalibrazzjoni, l-ittestjar, iċ-ċertifikazzjoni u l-ispezzjoni;

(16) "teħid lura" tfisser kull miżura maħsuba biex jittieħed lura komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jkun diġà sar disponibbli għall-installatur;

(17) "irtirar" tfisser kull miżura maħsuba biex ma tħallix li lift jitqiegħed fis-suq jew li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir disponibbli fis-suq;

(18) "marka CE" tfisser marka li permezz tagħha l-installatur jew il-manifattur jindika li l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli stabbiliti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni li tipprovdi għat-twaħħil tagħha;

(19) "leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni" tfisser kull leġiżlazzjoni tal-Unjoni li tarmonizza l-kundizzjonijiet għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti.

---

| ↓ 95/16/KE (adattat) |
|---|
| ⇨ ġdid |

*Artikolu ~~4~~3*

*⌦ Libertà ta' moviment ⌫*

1. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirrestrinġu jew ifixklu ~~t-tqegħid~~ ⇨ d-disponibbiltà ⇦ fis-suq u l-użu ~~fit-territorji tagħhom,~~ ta' lifts ~~u/~~jew ⇨ id-disponibbiltà fis-suq

ta' ⇦komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet fit-territorju tagħhom ⌫ li jkunu b'konformità ma' din id-Direttiva.

2. L-Istati Membri ma jistgħux jipprojbixxu, jirristrinġu jew ifixklu t-tqegħid fis-suq ta' komponenti ⇨ mhux koperti mill-Anness III ⇦ li, fuq il-bażi ta' dikjarazzjoni mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ , ikunu maħsuba biex ikunu inkorporati f'lift kopert minn din id-Direttiva.

3.~~5.~~ ~~B'mod partikolari~~ ~~f~~F'fieri tan-negozju, eżibizzjonijiet u dimostrazzjonijiet, l-Istati Membri ma għandhomx ifixklu l-wiri ta' lifts jew komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ li ~~ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ tal-Komunità~~ ⌦ mhumiex konformi ma' din id-Direttiva ⌫ , b'dan illi sinjal viżibbli ċar jindika li ⌦ dawn ⌫ ~~dawk il-lifts u komponenti ta' sigurtà~~ mhumiex konformi u ⌦ mhumiex se jsiru disponibbli ⌫ ~~li mhumiex għall-bejgħ~~ qabel ma jkunu nġiebu f'konformità. ~~minn dak li jinstalla l-lift, il-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat ta' dan tal-aħħar, stabbilit fil-Komunità~~. Matul id-dimostrazzjoni, miżuri adegwati ta' sigurtà għandhom jittieħdu biex jassiguraw il-protezzjoni ta' persuni.

4. ~~Mingħajr preġudizju għall-paragrafi 1, 2 u 3, id-dispożizzjonijiet ta'~~ ~~d~~Din id-Direttiva ma għandhi~~com~~x ~~j~~taffettwa~~w~~ ~~i~~d-dritt tal-Istati Membri milli jistipulaw, b'konformità ~~mat-Trattat~~ ⌦ mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni ⌫ dawk il-ħtiġijiet li huma jqisu meħtieġa biex jassiguraw li l-persuni jkunu protetti meta l-lifts in kwistjoni jitqegħdu fis-servizz jew fl-użu, b'dan illi dan ma jfissirx li l-lifts ikunu mmodifikati b'mod li mhux speċifikat f'din id-Direttiva.

*Artikolu 4~~2~~*

*⌦ Disponibbiltà fis-suq ⌫*

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa ħalli jassiguraw li ⌦ l- ⌫ ~~-~~ lifts koperti b'din id-Direttiva jistgħu jitqegħdu fis-suq u jiġu użati, biss jekk ma ~~jkunx hemm il-possibbiltà li~~ jipperikolawx is-saħħa u s-sigurtà ta' persuni, jew, fejn xieraq, is-sigurtà ta' proprjetà, meta jkunu installati kif suppost u mantnuti u użati għall-għanijiet maħsuba tagħhom.

⌦ 2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżguraw li ⌫ ~~-~~il-komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ koperti b'din id-Direttiva jistgħu ~~jitqegħdu~~ ⇨ jsiru disponibbli ⇦fis-suq u mqegħda għall-użu, biss jekk ma ~~jkunx hemm il-possibbiltà li~~ jipperikolawx is-saħħa u s-sigurtà ta' persuni, jew, fejn xieraq, is-sigurtà tal-proprjetà, meta jkunu installati kif suppost u jiġu mantnuti u użati għall-għanijiet maħsuba tagħhom.

*Artikolu 5~~3~~*

*⌦ Rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali ⌫*

---

🡻 95/16/KE

1. Lifts koperti b'din id-Direttiva għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà stipulati fl-Anness I

🡻 95/16/KE (adattat)

2. ~~Il-k~~Komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ koperti b'din id-Direttiva għandhom jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali stipulati fl-Anness I jew li jippermettu li l-lifts li fihom dawn ikunu installati jissodisfaw ⌦ dawk ⌫ ~~l-imsemmija~~ il-ħtiġijiet essenzjali.

*Artikolu 6*

*⌦ Bini jew kostruzzjonijiet li fihom jiġu installati l-liftijiet ⌫*

1. ~~2.~~ L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jassiguraw li l-persuna responsabbli għax-xogħol tal-bini jew kostruzzjoni u dak li jinstalla ~~l-lift, minn naħa 'l waħda, iżommu~~ ⌦ it-tnejn li huma jipprovdu ⌫ lil xulxin ⌦ bl-informazzjoni meħtieġa ⌫ ~~informati bil-fatti meħtieġa għall-,~~ u~~, minn naħa l-oħra,~~ jieħdu passi xierqa biex jassiguraw, operat sewwa u l-użu b'sigurtà tal-lift.

🡻 95/16/KE

2. ~~3.~~ Stati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassiguraw li t-trombi maħsuba għal-lifts ma jkunx fihom pajpijiet jew wajers jew tagħmir ħlief għal dak meħtieġ għall-operat u s-sigurtà tal-lift.

⇩ ġdid

# KAPITOLU II

# OBBLIGI TAL-OPERATURI EKONOMIĊI

*Artikolu 7 [l-Artikolu R2 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi tal-installaturi*

1. Meta lift jitqiegħed fis-suq jew jibda jitħaddem, l-installaturi għandhom jiżguraw li dan ikun ġie ddisinjat, immanifatturat, installat u ttestjat skont ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. L-installaturi għandhom iħejju l-fajl tekniku u jwettqu l-proċedura applikabbli ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 16 jew jassiguraw li din titwettaq.

Fejn ikun intwera permezz ta' dik il-proċedura li l-lift huwa konformi mar-rekwiżiti applikabbli, l-installatur għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jiżgura li din takkumpanja l-lift, u jwaħħal il-marka CE.

3. L-installatur għandu jżomm id-dokumentazzjoni teknika u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għal 10 snin wara li l-apparat ta' pressjoni jkun tqiegħed fis-suq.

4. Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn lift, l-installaturi għandhom, sabiex jitħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, jinvestigaw, u, jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' liftijiet mhux konformi u għandhom iżommu lid-distributuri informati dwar kull monitoraġġ ta' dan it-tip.

5. L-installaturi għandhom jiżguraw li l-liftijiet ikollhom numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni tagħhom.

6. L-installaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali rreġistrat jew il-marka kummerċjali rreġistrata tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jista' jiġi kkuntattjat l-installatur tal-liftijiet.

7. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-lift ikun akkumpanjat mill-istruzzjonijiet għall-użu msemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I, b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment mill-utenti aħħarija, kif determinat mill-Istat Membru li fih jiġi installat il-lift.

8. L-installaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li lift li jkunu installaw mhuwiex konformi ma' din id-Direttiva, għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-lift isir konformi. Barra minn hekk, fejn il-lift jippreżenta riskju, l-installaturi għandhom jinformaw minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn ikunu installaw il-lift, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas ta' konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

9. Il-manifatturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-lift, b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba tagħha, rigward kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mil-liftijiet li jkunu installaw.

*Artikolu 8 [l-Artikolu R2 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi tal-manifatturi*

1. Meta jqiegħdu fis-suq il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, il-manifatturi għandhom jiżguraw li dawn ikunu ġew iddisinjati u mmanifatturati skont ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I.

2. Il-manifatturi għandhom iħejju l-fajl tekniku meħtieġ u jwettqu l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità msemmija fl-Artikolu 15 jew jassiguraw li din titwettaq.

Fejn ikun intwera permezz ta' dik il-proċedura li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet huwa konformi mar-rekwiżiti essenzjali ta' saħħa u sikurezza applikabbli, il-manifattur għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, jiżgura li din takkumpanja l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, u jwaħħal il-marka CE.

3. Il-manifattur għandu jżomm il-fajl tekniku u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni għal 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun tqiegħed fis-suq.

4. Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, il-manifatturi għandhom, għall-finijiet tal-protezzjoni tas-saħħa u tas-sikurezza tal-konsumaturi, jagħmlu testijiet kampjunarji ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jsiru disponibbli fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi u ta' teħid lura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, u għandhom iżommu lid-distributuri u lill-installaturi informati dwar kull monitoraġġ ta' dan it-tip.

5. Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-komponenti ta' sikurezza tagħhom ikollhom in-numru tat-tip, tal-lott jew tas-serje jew kull element ieħor li jippermetti l-identifikazzjoni, jew, jekk id-daqs jew in-natura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma tagħmilx dan possibbli, li l-informazzjoni meħtieġa tingħata fuq l-imballaġġ jew f'dokument li jakkumpanja l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

6. Il-manifatturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz fejn jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq tikketta mwaħħla b'mod li ma tistax tinqala' mal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet. L-indirizz għandu jindika punt uniku fejn jistgħu jiġu kkuntattjati l-manifatturi.

7. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun akkumpanjat bil-manwal tal-istruzzjoni msemmi fil-Punt 6.1 tal-Anness I, b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment mill-utenti aħħarija, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

8. Il-manifatturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, biex jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, il-manifatturi għandhom jinformaw minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu disponibbli l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

9. Il-manifatturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità.

Huma għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

*Artikolu 9 [l-Artikolu R3 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Rappreżentanti awtorizzati*

1. Il-manifatturi jistgħu, b'mandat bil-miktub, jaħtru rappreżentant awtorizzat.

2. L-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 8(1) u t-tħejjija tal-fajl tekniku msemmi fl-Artikolu 8(2) ma għandhomx jiffurmaw parti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

3. Rappreżentant awtorizzat għandu jwettaq il-kompiti speċifikati fil-mandat li jirċievi mingħand il-manifattur. Il-mandat għandu jippermetti lir-rappreżentant awtorizzat għall-inqas li jagħmel dan li ġej:

(a) iżomm id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni marbuta mas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità, u l-fajl tekniku għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta' sorveljanza nazzjonali għal perjodu ta' 10 snin wara li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun tqiegħed fis-suq;

(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdi lil dik l-awtorità l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;

(c) jikkoopera mal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, wara talba tagħhom, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet koperti mill-mandat tar-rappreżentant awtorizzat.

*Artikolu 10 [l-Artikolu R4 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi tal-importaturi tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet*

1. L-importaturi għandhom iqiegħdu fis-suq biss il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu konformi.

2. Qabel ma jqiegħdu fis-suq komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, l-importaturi għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun wettaq il-proċedura xierqa ta' valutazzjoni tal-konformità. Dawn għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun ħejja l-fajl tekniku, li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikollu l-marka CE u jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u mill-manwal tal-istruzzjoni u li l-manifattur ikun issodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u 8(6).

Meta importatur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, dan ma għandux iqiegħed fis-suq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, l-importatur għandu jinforma lill-manifattur u lill-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq dwar dan.

3. L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew il-marka kummerċjali reġistrata tagħhom u l-indirizz fejn ikunu jistgħu jiġu kkuntattjati fuq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew, jekk dan ma jkunx possibbli, fuq l-imballaġġ tiegħu jew f’dokument li jakkumpanja l-komponent ta' sikurezza.

4. L-importaturi għandhom jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun akkumpanjat minn istruzzjonijiet u informazzjoni ta' sikurezza b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment mill-konsumaturi u minn utenti aħħarija oħra, kif determinat mill-Istat Membru kkonċernat.

5. L-importaturi għandhom jiżguraw li, filwaqt li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta’ saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I.

6. Meta jitqies li jkun xieraq fir-rigward tar-riskji ppreżentati minn komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, l-importaturi għandhom, sabiex iħarsu s-saħħa u s-sikurezza tal-konsumaturi, jagħmlu testijiet kampjunarji ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jsiru disponibbli fis-suq, jinvestigaw, u jekk ikun meħtieġ, iżommu reġistru ta' lmenti, ta' komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi u ta' teħid lura tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, u għandhom iżommu lid-distributuri u lill-installaturi informati dwar monitoraġġ ta' dan it-tip.

7. L-importaturi li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu qiegħdu fis-suq mhuwiex konformi ma' din id-Direttiva għandhom minnufih jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, biex jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, l-importaturi għandhom jinformaw minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu disponibbli l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, billi jagħtu d-dettalji, b’mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

8. L-importaturi għandhom, għal perjodu ta’ 10 snin wara li jitqiegħed fis-suq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u, fejn applikabbli, id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq u jiżguraw li l-fajl tekniku jkun disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, jekk jitolbuh.

9. L-importaturi għandhom, wara talba raġunata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, b'ilsien li jista' jinftiehem faċilment minn dik l-awtorità. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkunu qiegħdu fis-suq.

*Artikolu 11 [l-Artikolu R5 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi tad-distributuri*

1. Meta jagħmlu komponent ta' sikurezza għal-liftijiet disponibbli fis-suq, id-distributuri tas-suq għandhom jaġixxu bir-reqqa dovuta b'rabta mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

2. Qabel ma jagħmlu l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet disponibbli fis-suq, id-distributuri għandhom jivverifikaw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikollu l-marka CE, u li jkun akkumpanjat mid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u mill-manwal tal-istruzzjoni u li l-manifattur u l-importatur ikunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 8(5) u 8(6) u fl-Artikolu 10(3).

Meta distributur iqis jew ikollu raġuni biex jemmen li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, dan ma għandux jagħmel il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet disponibbli fis-suq sakemm dan ikun sar konformi. Barra minn hekk, jekk il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, id-distributur għandu jinforma lill-manifattur jew lill-importatur dwar dan, kif ukoll lill-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

3. Id-distributuri għandhom jiżguraw li, waqt li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun taħt ir-responsabbiltà tagħhom, il-kundizzjonijiet ta' ħżin jew trasport ma jippreġudikawx il-konformità tiegħu mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I.

4. Id-distributuri li jqisu jew li jkollhom raġuni biex jemmnu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu għamlu disponibbli fis-suq, ma jkunx konformi ma' din id-Direttiva, għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex dak il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, biex jirtirawh jew jiġbruh lura, jekk dan ikun xieraq. Barra minn hekk, fejn il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jippreżenta riskju, id-distributuri għandhom jinformaw minnufih dwar dan lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti tal-Istati Membri fejn huma jkunu għamlu disponibbli l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, billi jagħtu d-dettalji, b'mod partikolari, dwar in-nuqqas tal-konformità u dwar kull miżura korrettiva meħuda.

5. Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovduha bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex juru l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet. Dawn għandhom jikkooperaw ma' dik l-awtorità, wara talba tagħha, fir-rigward ta' kull azzjoni meħuda biex jiġu eliminati r-riskji ppreżentati mill-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jkunu għamlu disponibbli fis-suq.

*Artikolu 12 [l-Artikolu R6 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Każijiet fejn l-obbligi tal-manifatturi japplikaw għall-importaturi jew id-distributuri*

Importatur jew distributur għandu jitqies bħala manifattur għall-finijiet ta' din id-Direttiva u għandu jkun suġġett għall-obbligi tal-manifattur skont l-Artikolu 8, fejn ikun qiegħed fis-suq komponent ta' sikurezza għal-liftijiet f'ismu jew il-marka kummerċjali tiegħu, jew jimmodifika komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li diġà jkun tqiegħed fis-suq b'tali mod li jista' jaffettwa l-konformità mar-rekwiżiti ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 13 [l-Artikolu R7 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi*

L-operaturi ekonomiċi għandhom, wara li ssir talba, jidentifikaw dan li ġej lill-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq:

(a) kull operatur ekonomiku li jkun fornihom b'komponent ta' sikurezza għal-liftijiet;

(b) kull operatur ekonomiku li jkun fornihom b'komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

L-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu kapaċi jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu ġew fornuti b'komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u għal perjodu ta' 10 snin wara li jkunu fornew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

↓ 95/16/KE (adattat)

# KAPITOLU III

## ⌦ KONFORMITÀ TAL-LIFTS U TAL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET ⌫

*Artikolu 14 [l-Artikolu R8 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*⌦ Suppożizzjoni ta' konformità ⌫*

~~1. Stati Membri għandhom iqisu li l-lifts u l-komponenti tagħhom ta' sigurtà li jkollhom il-marka CE u li jkunu akkumpanjati bid-dikjarazzjoni KE dwar il-konformità msemmija fl-Anness II bħala li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet kollha ta' din id-Direttiva, inklużi l-proċeduri tal-istima ta' konformità stipulata fil-Kapitolu II.~~

~~Fin-nuqqas ta' standards armonizzati, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi li huma jħossu li jkunu meħtieġa biex jiġbdu l-attenzjoni tal-partijiet ikkonċernati, dwar l-istandards tekniċi nazzjonali eżistenti u l-ispeċifikazzjonijiet li huma meqjusa bħala importanti jew relevanti għall-implimentazzjoni xierqa tal-ħtiġiet essenzjali tas-saħħa u s-sigurtà fl-Anness I.~~

↓ 95/16/KE

~~2. Meta standards nazzjonali jittrasponi standard armonizzat, li r-referenza dwaru tkun ġiet ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, ikopri waħda jew aktar mill-ħtiġiet essenzjali ta' saħħa u sigurtà:~~

~~– lifts kostruwiti skont dak l-istandard għandhom ikunu meqjusa li jkunu konformi mal-ħtiġiet essenzjali relevanti.~~

~~– jew~~

~~– komponenti ta' sigurtà kostruwiti skont dak l-istandard għandhom ikunu meqjusa bħala addattati jiex jippermettu li l-lift li fuq jkunu ġew installati sewwa, jkun konformi mal-ħtiġiet essenzjali relevanti.~~

~~L-Istati Membri għandhom jippublikaw ir-referenzi tal-istandards nazzjonali tagħhom li jittrasponu l-istandards armonizzati.~~

↓ 95/16/KE (adattat)

~~3. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li miżuri xierqa jittieħdu sabiex jippermettu li ż-żewġ naħat tal-industrija li jkollhom influwenza fil-livell nazzjonali tal-proċess għat-tħejjija u s-sorveljanza tal-istandards armonizzati.~~

⇩ ġdid

1. Il-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu konformi ma' standards armonizzati jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, għandhom ikunu preżunti konformi mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali koperti minn dawk l-istandards jew partijiet minnhom, stabbiliti fl-Anness I.

[2. Meta standard armonizzat jissodisfa r-rekwiżti li dan ikopri u li huma stabbiliti fl-Anness I jew fl-Artikolu 24, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' dan l-istandard *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.]

🡻 95/16/KE (adattat)

*Artikolu* ~~8~~ 15

⌦ *Proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet* ⌫

~~1. Qabel ma l-komponenti ta' sigurtà elenkati fl-Anness IV jitqegħdu fis-suq, il-manifattur ta' komponent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunità għandu:~~

⌦ Komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandhom ikunu suġġetti għal kwalunkwe waħda mill-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin: ⌫

~~(a)~~

~~(i) jew jibgħat il-kampjun tal-komponent ta' sigurtà għall-eżami tat-tip KE skont l-Anness V u għal verifiki ta' produzzjoni minn korp notifikat skont l-Anness XI;~~

~~(ii) jew jibgħat il-kampjun tal-komponent ta' sigurtà għall-eżami tat-tip KE skont l-Anness V u jopera sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness VIII għal verifika tal-produzzjoni;~~

~~(iii) jew jopera sistema sħiħa ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness IX;~~

⌦ (a) il-mudell tal-komponent ta' sikurezza għal liftijiet għandu jiġi ppreżentat għal eżami tat-tip tal-UE stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV u l-konformità mat-tip għandha tiġi żgurata permezz ta' kontrolli aleatorji tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet stabbiliti fl-Anness IX; ⌫

⌦ (b) il-mudell tal-komponent ta' sikurezza għal liftijiet għandu jiġi ppreżentat għal eżami tat-tip tal-UE stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV u għandu jkun suġġett għal sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott skont l-Anness VI; ⌫

⌦ (c) sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità stabbilita fl-Anness VII. ⌫

~~(b) jwaħħal il-marka CE fuq kull komponent ta' sigurtà u jħejji dikjarazzjoni dwar il-konformità li jkun fiha l-informazzjoni elenkata fl-Anness II, billi jingħata kont tal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fl-Anness użat (l-Anness VIII, IX jew XI skont il-każ);~~

~~(ċ) iżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal 10 snin mid-data li fiha l-komponent ta' sigurtà jkun l-aħħar li ġie manifatturat.~~

---

🡻 95/16/KE (adattat)

*Artikolu 16*

*⌦ Proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità għal-liftijiet ⌫*

1.~~2.~~ ~~Qabel ma jitqiegħed fis-suq,~~ ⌦ Il-liftijiet għandhom ikunu suġġetti għal ⌫ ~~il-lift għandu jkunu għadda minn~~ waħda minn dawn il-proċeduri ⌦ ta' valutazzjoni tal-konformità ⌫ li ġejjin:

~~(i) jew, jekk ikun iddisinjat skont lift li jkun għadda minn eżami tat-tip KE kif hemm referenza dwaru fl-Anness V, dan għandu jkun kostruwit, installat u ttestjat bl-implimentazzjoni ta':~~

– ~~l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness VI, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità msemmija fl-Anness XII, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità li hemm referenza dwarha fl-Anness XIV.~~

~~Il-proċeduri għall-istadji tad-disinn u l-kostruzzjoni, min-naħa 'l waħda, u l-istadji tal-installazzjoni u l-ittestjar, min-naħa 'l oħra, jistgħu jittwettqu fuq l-istess lift;~~

~~(ii) jew, jekk ikun iddisinjat skont il-kampjun ta' lift li jkun għadda minn eżami tat-tip KE msemmi fl-Anness V, dan għandu jkun kostruwit, installat u ttestjat bl-implimentazzjoni ta':~~

– ~~l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness VI, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità msemmija fl-Anness XII, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità msemmija fl-Anness XIV;~~

~~(iii) jew, jekk ikun iddisinjat skont lift li dwaru sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness XIII tkun implimentata, issuplementata b'eżami tad-disinn jekk dan tal-aħħar ma jkunx kollu kemm hu skont l-istandards armonizzati, għandu jkun installat u kostruwit u ttestjat bl-implimentazzjoni ta', b'żieda:~~

– ~~l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness VI, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness XII, jew~~

– ~~is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness XIV;~~

~~(iv) jew, ikun għadda minn proċedura ta' verifika tal-unità, msemmija fl-Anness X, minn korp notifikat;~~

~~(v) jew, wara li kien ġie suġġett għal sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità skont l-Anness XIII, issuplimentat b'eżami tad-disinn jekk dan tal-aħħar ma jkunx kompletament skont l-istandards armonizzati.~~

~~Fil-każi msemmija f' (i), (ii) jew (iii) hawn fuq, il-persuna responsabbli għad-disinn għandha tforni lill-persuna responsabbli mill-kostruzzjoni, l-intallazzjoni u l-ittestjar, bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex dan tal-aħħar ikun jista jopera f'sigurtà assoluta.~~

---

| ⬇ 95/16/KE (adattat) |
|---|

⌦ (a) jew, jekk ikunu ddisinjati u mmanifatturati skont mudell ta' lift li jkun għadda minn eżami tat-tip tal-UE msemmi fil-Parti B tal-Anness IV, dawn għandhom jiġu installati u ttestjati billi titwettaq kwalunkwe waħda mill-proċeduri li ġejjin: ⌫

⌦ (i) l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness V; ⌫
⌦ (ii) is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-prodott imsemmija fl-Anness X; ⌫
⌦ (iii) is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-produzzjoni msemmija fl-Anness XII; ⌫

⌦ (b) jekk ikunu ddisinjati u mmanifatturati skont mudell ta' lift li għalih ġiet implimentata sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità skont l-Anness XI, issupplimentata b'eżami tad-disinn jekk id-disinn ma jkunx kollu kemm hu skont l-istandards armonizzati, għandhom ikunu installati u ttestjati billi titwettaq kwalunkwe waħda mill-proċeduri li ġejjin: ⌫

⌦ (i) l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness V; ⌫
⌦ (ii) is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-prodott skont l-Anness X; ⌫
⌦ (iii) is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-produzzjoni skont l-Anness XII; ⌫

⌦ (c) il-proċedura ta' verifika tal-unità, imsemmija fl-Anness VIII; ⌫

⌦ (d) is-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità skont l-Anness XI, issupplimentata b'eżami tad-disinn jekk id-disinn ma jkunx kompletament skont l-istandards armonizzati. ⌫

⌦ 2. Fil-każi msemmija fil-punt (a) u (b) tal-paragrafu 1, il-persuna responsabbli mid-disinn u l-manifattura tal-lift għandha tforni lill-persuna responsabbli mill-installazzjoni u l-ittestjar tal-lift bid-dokumenti u l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex din tal-aħħar tkun tista' tiżgura li l-lift ikun installat u ttestjat b'mod korett u sikur. ⌫

---

| ⬇ 95/16/KE |
|---|

~~3. Fil-każi kollha msemmija fil-paragrafu 2:~~

~~– dak li jinstalla għandu jwaħħal il-marka CE fuq il-lift u jħejji dikjarazzjoni dwar il-konformità li jkun fiha l-informazzjoni elenkata fl-Anness II, waqt li jingħata kont tal-ispeċifikazzjonijiet mogħtija fl-Anness użat (L-Anness VI, X, XII, XIII jew XIV skont il-każ), dak li jinstalla għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità għal 10 snin mid-data li fiha l-lift ikun ġie mqiegħed fis-suq,~~

~~– il-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-korpi notifikati l-oħra jistgħu, fuq talba, jiksbu mingħand dak li jinstalla, kopja tad-dikjarazzjoni ta' konformità u r-rapporti dwar it-testijiet involuti fl-ispezzjoni finali.~~

~~4. (a) Meta l-lifts jew komponenti ta' sigurtà jkunu suġġetti għal Direttivi oħra li jikkonċernaw aspetti oħra u li wkoll jipprovdu għat-twaħħil tal-marki CE, dan tal-aħħar għandu jindika jekk il-lift jew il-komponent ta' sigurtà jkun ukoll preżunt li huwa konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dawk id-Direttivi l-oħra.~~

~~(b) Iżda, meta waħda jew aktar minn dawn id-Direttivi tippemetti lill-manifattur, matul perjodu transitorju, li jagħżel liema arranġamenti japplika, il-marka CE għandha tindika konformità biss mad-Direttivi applikati mill-installatur tal-lift jew il-manifattur tal-komponent tas-sigurtà. F'dan il-każ, il-partikularitajiet tad-Direttivi applikata, kif ippublikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu mogħtija fid-dokumenti, avviżi jew struzzjonijiet meħtieġa mid-Direttivi u jakkumpanjaw il-lift jew il-komponent ta' sigurtà.~~

~~5. Meta la l-installatur tal-lift u lanqas il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà, lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità, ma jkunu konformi mal-obligazzjonijiet tal-paragrafi preċedenti, dawk l-obligazzjonijiet għandhom jaqgħu fuq kull min iqiegħed il-lift jew il-komponent ta' sigurtà fis-suq tal-Komunità. L-istess obligazzjonijiet għandhom ikunu applikabbli fuq kull min jimmanifattura l-lift jew komponent ta' sigurtà għall-użu tiegħu stess.~~

---

| 🡻 95/16/KE (adattat) |
|---|

3. Il-varjazzjonijiet permissibbli kollha bejn il-lift kampjun u l-lifts li jiffurmaw parti mil-lifts derivati mil-lift kampjun għandhom ikunu kjarament speċifikati (b'valuri massimi u minimi) ~~fid-dossier~~ ⌦ fil-fajl ⌫ tekniku.

4. B'kalkolazzjoni u/jew fuq il-bażi tal-pjanti tad-disinn huwa permissibbli li tintwera s-similarità ta' skala ta' tagħmir biex jissodisfaw il-ħtiġijiet essenzjali ta' ⌦ saħħa u ⌫ sigurtà ⌦ stabbiliti fl-Anness I ⌫.

*Artikolu 17 [l-Artikolu R10 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*⌦ Dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ⌫*

---

| ⇩ ġdid |
|---|

1. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandha tiddikjara li l-osservanza tar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I tkun intweriet.

2. Id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE għandu jkollha l-istruttura tal-mudell stabbilita fl-Anness II, għandha tinkludi l-elementi speċifikati fil-moduli rilevanti stabbiliti fl-Anness V, VIII, X, XI jew XII, u għandha tiġi aġġornata kontinwament. Għandha wkoll tiġi tradotta fl-ilsien jew fl-ilsna mitluba mill-Istat Membru fejn jitqiegħed jew isir disponibbli fis-suq il-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet.

3. Fejn lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikun suġġett għal aktar minn att wieħed tal-Unjoni li jeżiġu dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, għandha titħejja dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE unika fir-rigward ta' dawn l-atti kollha tal-Unjoni. Dik id-dikjarazzjoni għandha jkollha l-identifikazzjoni tal-atti kkonċernati inklużi r-referenzi tal-pubblikazzjoni.

4. Billi jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, il-manifattur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u l-installatur għandu jassumi r-responsabbiltà għall-konformità tal-lift.

---

↓ 95/16/KE (adattat)

~~IL-KAPITOLU III~~

~~IMMARKAR CE~~

*Artikolu 18 [l-Artikolu R11 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*⌦ Prinċipji ġenerali tal-marka CE ⌫*

---

⇩ ġdid

Il-marka CE għandha tkun suġġetta għall-prinċipji ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008.

---

↓ 95/16/KE (adattat)

*Artikolu 19~~10~~ [l-Artikolu R12 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*⌦ Regoli u kundizzjonijiet għat-twaħħil tal-marka CE u marki oħra ⌫*

~~1. Il-marka KE għandu jikkonsisti fl-inizjali CE. L-Anness III jistipula l-mudell li għandu jintuża.~~

1.~~2.~~ Il-marka KE ~~għandu jkun imwaħħal~~ għandha titwaħħal ⌦ b'mod li tkun tidher, tista' tinqara u ma titħassarx ⌫ fuq kull kabina ta' lift ~~b'mod distint u li jidher skont it-Taqsima 5 tal-Anness I~~ u ~~għandu jkun imwaħħal~~ għandha titwaħħal fuq kull komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ elenkat fl-Anness III ~~IV~~ jew, meta dak ma jkunx possibbli, fuq tikketta mwaħħla, hekk li ma tkunx tista' tinqala', mal-komponent ta' sigurtà.

~~3. It-twaħħil fuq il-lifts jew il-komponenti ta' sigurtà ta' marki li x'aktarx li jħawdu partijiet terzi fir-rigward tat-tifsira u l-għamla tal-marki CE għandu jkun ipprojbit. Xi marki oħra jistgħu jitwaħħlu fuq il-lifts u l-komponenti ta' sigurtà, bdan illi l-viżibilità u l-leġibilità tal-marki CE ma jkunx b'hekk imnaqqsa.~~

~~4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7:~~

~~(a) fejn Stat Membru jistabilixxi li l-marka CE tkun ġiet imwaħħla irregolarment, l-installatur tal-lift, il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat fil-Komunità ta' dan tal-aħħar għandu jkun obbligat li jagħmel il-prodott konformi fir-rigward tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-marka KE u li jwaqqfu l-ksur skont il-kundizzjonijiet imposti mill-Istat Membru;~~

~~(b) jekk in-nuqqas ta' konformità jippersisti, l-Istat Membru għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirrestrinġi jew jipprojbixxi t-tqiegħid fis-suq tal-komponent ta' sigurtà in kwistjoni jew li jassigura li dan ikun imneħħi mis-suq u jipprojbixxi milli l-lift ikun użat u jinforma lill-Istati Membri l-oħra skont il-proċedura stipulata fl-Artikolu 7(4).~~

---

⇩ ġdid

2. Il-marka CE għandha titwaħħal qabel ma jitqiegħdu fis-suq il-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

⌦3. Il-marka CE fuq il-liftijiet għandha tkun segwita bin-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat involut fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin: ⌫

⌦ (a) l-ispezzjoni finali msemmija fl-Anness V jew l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità (imsemmija fl-Annessi X, XI jew XII); ⌫

⌦ (b) il-proċedura ta' verifika tal-unità, imsemmija fl-Anness VIII; ⌫

⌦ (c) l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità msemmija fl-Anness XI. ⌫

⌦ 4. Il-marka CE fuq komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għandha tkun segwita bin-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat involut fil-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità li ġejjin: ⌫

⌦ (a) l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott imsemmija fl-Anness VI; ⌫

⌦ (b) l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità msemmija fl-Anness VII. ⌫

---

⇩ ġdid

5. In-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat għandu jitwaħħal mill-korp innifsu jew, skont l-istruzzjonijiet tiegħu, mill-manifattur jew mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu jew mill-installatur.

Il-marka CE u, fejn applikabbli, in-numru ta' identifikazzjoni msemmi fil-paragrafu 3 u 4 jista' jkun segwit minn pittogramma jew kull marka oħra li tindika riskju jew użu speċjali.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

*~~Artikolu 9~~*

~~1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi li huma jkunu ħatru biex iwetqu l-proċeduri msemmija fl-Artikolu 8, flimkien mad-~~

doveri speċifiċi u l-proċeduri ta' eżami li dawn il-korpi jkunu ġew maħtura biex iwettqu u n-numri ta' identifikazzjoni assenjati lilhom minn qabel mill-Kummissjoni.

Il-Kummissjoni għandha tippublika l-informazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, lista tal-korpi notifikati u n-numri tal-identifikazzjoni tagħhom u d-doveri li dwarhom ikunu ġew innotifikati. Il-Kummissjoni għandha tassigura li din il-lista tinżamm aġġornata.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw il-kriterja stipulati fl-Anness VII fl-istimi tal-korpi notifikati. Il-korpi li jilħqu l-kriterja ta' stima stipulati fl-istandards armonizzati relevanti għandhom ikunu preżunti li jikkonformaw mal-kriterja stipulati fl-Anness VII.

3. Stat Membru li jkun innotifika korp għandu jirtira n-notifikazzjoni tiegħu jekk isib li dak il-korp ma jkunx aktar jikkonforma mal-kriterja stipulati fl-Anness VII. Għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'dan.

---

⇩ ġdid

## KAPITOLU IV

## NOTIFIKA TAL-KORPI TA' VALUTAZZJONI TAL-KONFORMITÀ

*Artikolu 20 [l-Artikolu R13 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Notifika*

L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-korpi awtorizzati li jwettqu l-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ta' parti terza taħt din id-Direttiva.

*Artikolu 21 [l-Artikolu R14 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Awtoritajiet notifikanti*

1. L-Istati Membri għandhom jaħtru awtorità notifikanti li tkun responsabbli biex tistabbilixxi u twettaq il-proċeduri meħtieġa għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u għall-monitoraġġ ta' korpi notifikati, inkluża l-konformità mal-Artikolu 26.

2. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li l-valutazzjoni u l-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitwettqu minn korp nazzjonali ta' akkreditament skont it-tifsira tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 u b'konformità miegħu.

3. Fejn l-awtorità notifikanti tiddelega jew inkella tafda l-valutazzjoni, in-notifika jew il-monitoraġġ imsemmija fil-paragrafu 1 lil korp li ma jkunx entità governattiva, dak il-korp għandu jkun entità ġuridika u għandu jikkonforma *mutatis mutandis* mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 22. Barra minn hekk, dan għandu jkollu arranġamenti biex jagħmel tajjeb għar-reponsabbiltajiet derivati mill-attivitajiet tiegħu.

4. L-awtorità notifikanti għandha tieħu responsabbiltà sħiħa tal-ħidmiet imwettqa mill-korp imsemmi fil-paragrafu 3.

*Artikolu 22 [l-Artikolu R15 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Rekwiżiti marbuta mal-awtoritajiet notifikanti*

1. L-awtorità notifikanti għandha tiġi stabbilita b'mod li ma jkunx hemm kunflitti ta' interess mal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità.

2. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata u titmexxa b'mod li jkunu salvagwardjati l-oġġettività u l-imparzjalità tal-attivitajiet tagħha.

3. L-awtorità notifikanti għandha tkun organizzata b'tali mod li kull deċiżjoni marbuta man-notifika tal-korp ta' valutazzjoni ta' konformità tittieħed minn persuni kompetenti differenti minn dawk li jkunu wettqu l-valutazzjoni.

4. L-awtorità notifikanti ma għandha toffri jew tipprovdi l-ebda attività li titwettaq minn korpi ta' valutazzjoni tal-konformità, jew servizzi ta' konsulenza fuq bażi kummerċjali jew kompetittiva.

5. L-awtorità notifikanti għandha tissalvagwardja l-kunfidenzjalità tal-informazzjoni miksuba.

6. L-awtorità notifikanti għandu jkollha numru suffiċjenti ta' persunal kompetenti għad-dispożizzjoni tagħha biex jitwettqu korrettament il-kompiti tagħha.

*Artikolu 23 [l-Artikolu R16 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligu ta' informazzjoni fuq l-awtoritajiet notifikanti*

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar il-proċeduri tagħhom għall-valutazzjoni u n-notifika tal-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u dwar il-monitoraġġ ta' korpi notifikati, u dwar kull tibdil li jkun hemm f'dan il-qasam.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dik l-informazzjoni disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 24 [l-Artikolu R17 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Rekwiżiti marbuta mal-korpi notifikati*

1. Għall-finijiet tan-notifika, kull korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi minn 2 sa 11.

2. Il-korp ta' valutazzjoni ta' konformità għandu jkun stabbilit skont il-liġi nazzjonali u għandu jkollu personalità ġuridika.

3. Korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun korp terz indipendenti mill-organizzazzjoni jew mil-liftijiet jew il-komponenti ta'sikurezza għal liftijiet li jivvaluta.

Korp li jkun jappartjeni lil xi assoċjazzjoni kummerċjali jew federazzjoni professjonali li tirrappreżenta intrapriżi involuti fid-disinn, manifattura, provvista, immuntar, użu jew manutenzjoni ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li hu jivvaluta, jista', bil-kundizzjoni li jintwerew l-indipendenza tiegħu u n-nuqqas ta' kull kunflitt ta' interess, jitqies bħala tali korp.

4. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli mit-twettiq tal-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li huma jivvalutaw, u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi waħda minn dawk il-partijiet.

Korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu d-disinjatur, il-manifattur, il-fornitur, l-installatur, ix-xerrej, is-sid, l-utent jew dak responsabbli mill-manutenzjoni tal-liftijiet li huma jivvalutaw.

Dan ma għandux jipprekludi l-użu tal-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ivvalutati li jkunu meħtieġa għall-operazzjonijiet tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jew l-użu ta' dawn il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet għal għanijiet personali.

Dan ma jipprekludix il-possibbiltà ta' skambju ta' informazzjoni teknika bejn il-manifattur u l-korp.

Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, l-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u l-persunal responsabbli biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhomx ikunu direttament involuti fid-disinn, manifattura jew kostruzzjoni, kummerċjalizzazzjoni, installazzjoni, użu jew manutenzjoni ta' dawk il-liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, jew jirrappreżentaw lill-partijiet involuti f'dawk l-attivitajiet.

Dawn ma għandhom ikunu involuti fl-ebda attività li tista’ toħloq kunflitt mal-indipendenza tal-ġudizzju jew l-integrità tagħhom b'rabta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li għalihom huma jkunu notifikati. Dan japplika b’mod partikolari għas-servizzi ta’ konsulenza.

Il-korp ta’ valutazzjoni tal-konformità għandu jiżgura li l-attivitajiet tas-sussidjarji jew is-sottokuntratturi tiegħu ma jippreġudikawx il-kunfidenzjalità, l-oġġettività jew l-imparzjalità tal-attivitajiet ta’ valutazzjoni tal-konformità tiegħu.

5. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità u l-persunal tagħhom għandhom iwettqu l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità bl-ogħla livell ta’ integrità professjonali u kompetenza teknika meħtieġa fil-qasam speċifiku u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u inċitament, partikolarment finanzjarji, li jistgħu jinfluwenzaw il-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità tagħhom, speċjalment fir-rigward ta' persuni jew gruppi ta’ persuni b’interess fir-riżultati ta’ dawk l-attivitajiet.

6. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkun kapaċi jwettaq il-kompiti kollha ta’ valutazzjoni tal-konformità assenjati lilu permezz tal-Artikolu 15 u 16 u li fir-rigward tagħhom ikun ġie notifikat, kemm jekk dawk il-kompiti jitwettqu mill-korp stess ta' valutazzjoni tal-konformità kif ukoll jekk f’ismu u taħt ir-responsabbiltà tiegħu.

F'kull żmien u għal kull proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità u għal kull tip jew kategorija ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li fir-rigward tagħhom ikun ġie

notifikat, il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu in-neċessitajiet li ġejjin:

(a) persunal b'għarfien tekniku u esperjenza suffiċjenti u xierqa biex iwettaq il-kompiti ta' valutazzjoni tal-konformità;

(b) deskrizzjonijiet tal-proċeduri li skonthom titwettaq il-valutazzjoni tal-konformità, waqt li jiġu żgurati t-trasparenza u l-kapaċità ta' riproduzzjoni ta' dawk il-proċeduri. Dan għandu jkollu l-politiki u l-proċeduri xierqa fis-seħħ li jiddistingwu bejn il-ħidmiet li jwettaq bħala korp notifikat u attivitajiet oħra;

(c) il-proċeduri għat-twettiq tal-attivitajiet li jqisu b'mod debitu d-daqs tal-impriża, is-settur li fih topera, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat u n-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni.

Għandu jkollu l-mezzi meħtieġa biex iwettaq il-ħidmiet tekniċi u amministrattivi marbuta mal-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità b'mod xieraq u għandu jkollu aċċess għat-tagħmir jew il-faċilitajiet kollha meħtieġa.

7. Il-persunal responsabbli biex iwettaq l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jkollu dawn li ġejjin:

(a) taħriġ tekniku u vokazzjonali sod li jkopri l-attivitajiet kollha ta' valutazzjoni tal-konformità li għalih il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jkun ġie notifikat;

(b) għarfien sodisfaċenti dwar ir-rekwiżiti tal-valutazzjonijiet imwettqa minnu u awtorità adegwata li jwettaq dawk il-valutazzjonijiet;

(c) għarfien u komprensjoni xierqa tar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali, stabbiliti fl-Anness I, tal-istandards armonizzati applikabbli u tad-dispożizzjonjiet rilevanti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-armonizzazzjoni u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti tagħha;

(d) il-kapaċità li jħejji ċertifikati, reġistri u rapporti li juru li l-valutazzjonijiet ikunu saru.

8. L-imparzjalità tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità, tal-ogħla livell tal-maniġment tiegħu u tal-persunal responsabbli mit-twettiq tal-ħidimiet ta' valutazzjoni tal-konformità għandha tkun garantita.

Ir-rimunerazzjoni tal-ogħla livell tal-maniġment u tal-persunal ta' valutazzjoni tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità ma għandhiex tiddependi mill-għadd ta' valutazzjonijiet imwettqa jew mir-riżultati ta' dawk il-valutazzjonijiet.

9. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jipprovdi assigurazzjoni fuq ir-responsabbiltà sakemm l-Istat ma jassumix ir-responsabbiltà skont il-liġi nazzjonali, jew sakemm l-Istat Membru nnifsu ma jkunx direttament responsabbli għall-valutazzjoni ta' konformità.

10. Il-persunal tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu josserva s-segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha miksuba fit-twettiq ta' ħidmietu skont l-Artikolu 15 u 16 jew skont kull dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li ddaħħal dan l-Artikolu fis-

seħħ, ħlief fir-rigward tal-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru li fih jitwettqu l-attivitajiet. Id-drittijiet proprjetarji għandhom jitħarsu.

11. Il-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' standardizzazzjoni rilevanti jew jiżguraw li l-persunal ta' valutazzjoni tagħhom ikun informat dwarhom.

Il-korp għandu jipparteċipa jew ikun rappreżentat fl-attivitajiet tal-Grupp ta’ Koordinazzjoni tal-Korpi Notifikati stabbilit skont l-Artikolu 36, u japplika bħala gwida ġenerali r-rakkomandazzjonijiet għall-użu prodotti b'riżultat tal-ħidma ta’ dak il-grupp.

*Artikolu 25 [l-Artikolu R18 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Preżunzjoni ta' konformità tal-korp notifikat*

Fejn korp ta' valutazzjoni tal-konformità juri l-konformità tiegħu mal-kriterji stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti jew partijiet minnhom, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, dan għandu jkun preżunt konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 sakemm l-istandards armonizzati applikabbli jkopru dawk ir-rekwiżiti.

*Artikolu 26 [l-Artikolu R20 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Sussidjarji u sottokuntrattar ta' korpi notifikati*

1. Meta korp notifikat jagħti b'sottokuntratt xogħlijiet speċifiċi li jkollhom x’jaqsmu mal-valutazzjoni tal-konformità jew iqabbad sussidjarju, huwa għandu jiżgura li s-sottokuntrattur jew is-sussidjarju jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24 u għandu jinforma lill-awtorità notifikanti dwar dan.

2. Il-korpi notifikati għandhom jerfgħu r-responsabbiltà kollha tal-ħidmiet imwettqa mis-sottokuntratturi jew mis-sussidjarji kull fejn dawn ikunu stabbiliti.

3. L-attivitajiet jistgħu jiġu mogħtija b'sottokuntratt jew imwettqa minn sussidjarju biss meta jkun hemm il-qbil tal-klijent.

4. Il-korpi notifikati għandhom iżommu għad-dispożizzjoni tal-awtorità notifikanti d-dokumenti rilevanti dwar il-valutazzjoni tal-kwalifiki tas-sottokuntrattur jew tas-sussidjarju u tal-ħidma mwettqa minnhom skont l-Artikolu 15 u 16.

*Artikolu 27 [l-Artikolu R22 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Applikazzjoni għal notifika*

1. Il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità għandu jippreżenta applikazzjoni għal notifika lill-awtorità notifikanti tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit.

2. Dik l-applikazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn deskrizzjoni tal-proċeduri tal-valutazzjoni tal-konformità għal-liftijiet jew għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li għalihom il-korp jiddikjara li huwa kompetenti, kif ukoll b'ċertifikat ta' akkreditament, jekk ikun hemm, maħruġ minn korp nazzjonali ta' akkreditament li jafferma li l-korp ta' valutazzjoni tal-konformità jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

3. Jekk il-korp ta' valutazzjoni tal-konformità kkonċernat ma jistax jipprovdi ċertifikat ta' akkreditament, dan għandu jipprovdi lill-awtorità notifikanti bl-evidenza dokumentata kollha meħtieġa għall-verifika, ir-rikonoxximent u l-monitoraġġ regolari tal-konformità tiegħu mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

*Artikolu 28 [l-Artikolu R23 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Proċedura tan-notifika*

1. L-awtoritajiet notifikanti jistgħu jinnotifikaw biss lill-korpi ta' valutazzjoni tal-konformità li jkunu ssodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

2. Huma għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-użu tal-mezz elettroniku ta’ notifika żviluppat u ġestit mill-Kummissjoni.

3. In-notifika għandha tinkludi d-dettalji kollha dwar il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, għal-liftijiet jew għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati u l-attestazzjoni rilevanti tal-livell ta' kompetenza.

4. Meta notifika ma tkunx imsejsa fuq ċertifikat ta' akkreditament kif imsemmi fl-Artikolu 27(2), l-awtorità notifikanti għandha tipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra b'evidenza dokumentata li tafferma l-kompetenza tal-korp ta' valutazzjoni tal-konformità kif ukoll l-arranġamenti li saru biex ikun żgurat li dak il-korp ikun immonitorjat b'mod regolari u jkompli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24.

5. Il-korp ikkonċernat jista’ jwettaq l-attivitajiet ta’ korp tan-notifika biss jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mill-Kummissjoni jew mill-Istati Membri l-oħra fi żmien ġimgħatejn min-notifika fejn ikun intuża ċertifikat ta’ akkreditament jew fi żmien xahrejn min-notifika meta ma jkunx intuża akkreditament.

Korp bħal dan biss għandu jitqies bħala korp notifikat għall-finijiet ta’ din id-Direttiva.

6. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri l-oħra għandhom jiġu notifikati dwar kull tibdil rilevanti sussegwenti fin-notifika.

*Artikolu 29 [l-Artikolu R24 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Numri ta' identifikazzjoni u listi ta' korpi notifikati*

1. Il-Kummissjoni għandha tassenja numru ta' identifikazzjoni lil korp notifikat.

Din għandha tassenja numru wieħed bħal dan, anki fejn il-korp ikun notifikat skont diversi atti tal-Unjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha toħroġ għall-pubbliku l-lista ta' korpi notifikati skont din id-Direttiva, inklużi n-numri ta' identifikazzjoni li ġew allokati lilhom u l-attivitajiet li għalihom ġew notifikati.

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li dik il-lista tinżamm aġġornata.

*Artikolu 30 [l-Artikolu R25 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Tibdil fin-notifiki*

1. Fejn awtorità notifikanti taċċerta ruħha jew tkun informata li korp notifikat ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 24, jew li jkun qed jonqos milli jaqdi l-obbligi tiegħu, l-awtorità notifikanti għandha tillimita, tissospendi jew tirtira n-notifika kif xieraq, skont kemm ikun serju n-nuqqas fir-rigward ta' dawk ir-rekwiżiti jew dawk l-obbligi. Din għandha minnufih tinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan.

2. Fik-każ li tiġi limitata, sospiża jew irtirata n-notifika, jew fejn il-korp notifikat ma jkunx għadu attiv, l-Istat Membru notifikanti għandu jieħu l-passi meħtieġa biex jiżgura li l-fajls ta' dak il-korp jiġu pproċessati minn korp notifikat ieħor jew jinżammu disponibbli għall-awtorità notifikanti u għall-awtorità ta' sorveljanza tas-suq li jkunu responsabbli, suġġetti għat-talba tagħhom.

*Artikolu 31 [l-Artikolu R26 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Sfida għall-kompetenza ta' korpi notifikati*

1. Il-Kummissjoni għandha tinvestiga l-każijiet kollha fejn ikollha dubju jew issir taf b'dubju rigward il-kompetenza ta' korp notifikat jew l-issoktar tal-osservanza ta' korp notifikat mar-rekwiżiti u r-responsabbiltajiet li għalihom huwa jkun suġġett.

2. L-Istat Membru notifikanti għandu jipprovdi lill-Kummissjoni, wara talba, bl-informazzjoni kollha relatata mal-bażi għan-notifika jew il-manutenzjoni tal-kompetenza tal-korp ikkonċernat.

3. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-informazzjoni kollha sensittiva miksuba matul l-investigazzjonijiet tagħha tinżamm kunfidenzjali.

4. Fejn il-Kummissjoni taċċerta ruħha li korp notifikat ma jissodisfax, jew li ma jkunx għadu jissodisfa, ir-rekwiżiti għan-notifika tiegħu, hija għandha tinforma b'dan lill-Istat Membru notifikanti u titolbu jieħu l-miżuri korrettivi meħtieġa, inkluż l-irtirar tan-notifika, jekk ikun meħtieġ.

*Artikolu 32 [l-Artikolu R27 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi operattivi tal-korpi notifikati*

1. Il-korpi notifikati għandhom iwettqu l-valutazzjonijiet tal-konformità skont il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità stipulati fl-Artikolu 15 u16.

2. Il-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom jitwettqu b'mod proporzjonat, billi jiġu evitati piżijiet bla bżonn għall-operaturi ekonomiċi. Il-korpi notifikati għandhom iwettqu l-attivitajiet tagħhom billi jqisu b'mod debitu d-daqs tal-impriża, is-settur li fih topera, l-istruttura tagħha, il-grad ta' kumplessità tat-teknoloġija tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat u n-natura ta' massa jew ta' serje tal-proċess ta' produzzjoni.

B'dan il-mod huma għandhom, madankollu, jirrispettaw il-grad ta' rigorożità u l-livell ta' protezzjoni meħtieġa biex il-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva.

3. Fejn korp notifikat isib li r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I jew l-istandards armonizzati korrispondenti ma ġewx sodisfatti mill-installatur jew mill-manifattur, huwa għandu jeżiġi li l-installatur jew il-manifattur jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u ma għandux joħroġ ċertifikat ta' konformità.

4. Fejn, waqt li jkun qed isir monitoraġġ tal-konformità wara l-ħruġ ta' ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, kif xieraq, korp notifikat isib li lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx għadu konformi, dan għandu jeżiġi li l-installatur jew il-manifattur jieħu l-miżuri korrettivi xierqa u għandu jissospendi jew jirtira ċ-ċertifikat jew id-deċiżjoni ta' approvazzjoni jekk ikun meħtieġ.

5. Fejn ma jittieħdux miżuri korrettivi jew fejn dawn ma jkollhomx l-effett meħtieġ, il-korp notifikat għandu jillimita, jissospendi jew jirtira kull ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni, kif xieraq.

*Artikolu 33 [l-Artikolu 4(7) tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Appell kontra deċiżjonijiet tal-korpi notifikati*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm disponibbli proċedura ta' appell kontra d-deċiżjonijiet tal-korpi notifikati

*Artikolu 34 [l-Artikolu R28 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Obbligi ta' informazzjoni dwar entitajiet notifikati*

1. Il-korpi notifikati għandhom jinformaw lill-awtorità notifikanti dwar dan li ġej:

(a) kull rifjut, restrizzjoni, sospensjoni jew irtirar ta' ċertifikat jew deċiżjoni ta' approvazzjoni;

(b) kull ċirkostanza li jkollha effett fuq il-kamp ta' applikazzjoni u l-kundizzjonijiet għan-notifika;

(c) kull talba għal informazzjoni li huma jkunu rċevew minn awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq rigward attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità;

(d) wara talba, l-attivitajiet ta' valutazzjoni tal-konformità li twettqu fl-ambitu tan-notifika tagħhom u kull attività oħra li twettqet, inklużi attivitajiet transkonfinali u sottokuntrattar.

2. Il-korpi notifikati għandhom jipprovdu lill-korpi l-oħra notifikati skont din id-Direttiva, li jwettqu attivitajiet simili ta' valutazzjoni tal-konformità għal-liftijiet jew għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, bl-informazzjoni rilevanti dwar kwistjonijiet marbuta mar-riżultati negattivi u, wara talba, ma' dawk pożittivi tal-valutazzjoni tal-konformità.

*Artikolu 35 [l-Artikolu R29 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Skambju ta' esperjenza*

Il-Kummissjoni għandha tipprovdi għall-organizzazzjoni ta' skambju ta' esperjenza bejn l-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri responsabbli mill-politika tan-notifiki.

*Artikolu 36 [l-Artikolu R30 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Koordinazzjoni ta' korpi notifikati*

Il-Kummissjoni għandha tiżgura li jkun hemm koordinazzjoni u kooperazzjoni xierqa bejn il-korpi notifikati skont din id-Direttiva u li dawn jitħaddmu b'mod korrett f'forma ta' Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Korpi Notifikati għal-Liftijiet.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-korpi notifikati minnhom jipparteċipaw fil-ħidma ta' dak il-grupp, direttament jew permezz tar-rappreżentanti maħtura.

# KAPITOLU V

# SORVELJANZA TAS-SUQ TAL-UNJONI, KONTROLL TAL-LIFTIJIET JEW TAL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET LI JIDĦLU FIS-SUQ TAL-UNJONI U PROĊEDURI TA' SALVAGWARDJA

## *Artikolu 37*

### *Sorveljanza tas-suq tal-Unjoni u kontroll tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jidħlu fis-suq tal-Unjoni*

L-Artikolu 15(3) u l-Artikoli minn 16 sa 29 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandhom japplikaw għal-liftijiet u l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

## *Artikolu 38 [l-Artikolu R31 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

### *Proċeduri għat-trattament ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jippreżentaw riskju fil-livell nazzjonali*

1. Fejn l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq ta' Stat Membru wieħed ikunu ħadu azzjoni skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jew fejn ikollhom raġuni biżżejjed biex jemmnu li lift jew komponent ta' sikurezza għal-liftijiet kopert minn din id-Direttiva jippreżenta riskju għas-saħħa jew għas-sikurezza tal-persuni jew, fejn xieraq, għas-sikurezza tal-proprjetà, dawn għandhom iwettqu evalwazzjoni marbuta mal-lift jew mal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat li tkun tkopri r-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva. L-operaturi ekonomiċi rilevanti għandhom jikkooperaw kif meħtieġ mal-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq.

Fejn, matul l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li lift ma jikkonformax mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, huma għandhom, mingħajr dewmien, jeżiġu li l-installatur jieħu l-miżuri korrettivi kollha xierqa biex il-lift isir konformi ma' dawk ir-rekwiżiti fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jistabbilixxu.

Fejn, matul l-evalwazzjoni msemmija fl-ewwel subparagrafu, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq isibu li komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ma jkunx konformi mar-rekwiżiti stabbiliti f'din id-Direttiva, dawn għandhom, mingħajr dewmien, jeżiġu li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-azzjoni korrettiva kollha biex il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet isir konformi, biex jirtira mis-suq il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet jew biex jieħdu lura fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif jistabbilixxu.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinformaw lill-korp notifikat rilevanti dwar dan.

L-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 għandu japplika għall-miżuri msemmija fit-tieni u fit-tielet subparagrafu.

2. Fejn l-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq iqisu li n-nuqqas ta’ konformità mhuwiex limitat għat-territorju nazzjonali tagħhom, dawn għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-evalwazzjoni u dwar l-azzjonijiet li huma talbu lill-operaturi ekonomiċi biex jieħdu.

3. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa kollha fir-rigward tal-liftijiet u tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kollha kkonċernati li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha.

4. Fejn l-installatur ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa fil-perjodu ta’ żmien imsemmi fit-tieni subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jillimitaw it-tqegħid fis-suq nazzjonali tagħhom jew it-tħaddim.

Fejn l-operatur ekonomiku rilevanti ma jiħux azzjoni korrettiva xierqa fil-perjodu ta’ żmien imsemmi fit-tielet subparagrafu tal-paragrafu 1, l-awtoritajiet tas-sorveljanza tas-suq għandhom jieħdu l-miżuri provviżorji xierqa kollha biex jipprojbixxu jew jillimitaw id-disponibbiltà fis-suq nazzjonali tagħhom tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, biex jirtiraw il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet minn dak is-suq jew biex jiġbruh lura.

L-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra, mingħajr dewmien, dwar dawk il-miżuri.

5. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4 għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, b'mod partikolari d-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li mhuwiex konformi, l-oriġini tiegħu, it-tip ta’ nuqqas ta’ konformità allegata u r-riskju involut, it-tip u t-tul ta’ żmien tal-miżuri nazzjonali li ttieħdu u l-argumenti mressqa mill-operaturi ekonomiċi rilevanti. B’mod partikolari, l-awtoritajiet ta' sorveljanza tas-suq għandhom jindikaw jekk in-nuqqas ta’ konformità jkunx dovut għal xi waħda mir-raġunijiet li ġejjin:

(a) in-nuqqas tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet li jissodisfa r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza stabbiliti fl-Anness I;

(b) nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 14 li jikkonferixxu suppożizzjoni ta' konformità.

6. L-Istati Membri, għajr l-Istat Membru li jkun beda l-proċedura, għandhom, mingħajr dewmien, jinformaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar kull miżura adottata u dwar kull informazzjoni addizzjonali li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom dwar in-nuqqas ta' konformità tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat, u, jekk ma jkunx hemm qbil mal-miżura nazzjonali notifikata, dwar l-oġġezzjonijiet tagħhom.

7. Fejn, fi żmien xahrejn minn meta tasal l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 4, ma tkun saret ebda oġġezzjoni minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni rigward miżura provviżorja meħuda minn Stat Membru, dik il-miżura għandha titqies li tkun ġustifikata.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jittieħdu l-miżuri restrittivi kollha xierqa, mingħajr dewmien, fir-rigward tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat.

*Artikolu 39 [l-Artikolu R32 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Proċedura ta' salvagwardja tal-Unjoni*

*1.* Fejn, wara li tkun tlestiet il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 38(3) u 38(4), isiru oġġezzjonijiet kontra miżura meħuda minn Stat Membru, jew fejn il-Kummissjoni tqis li l-miżura nazzjonali tkun kontra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tagħmel valutazzjoni tal-miżura nazzjonali. Fuq il-bażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni dwar jekk il-miżura nazzjonali hijiex ġustifikata jew le.

Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

2. Jekk il-miżura nazzjonali fir-rigward ta' lift titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-lift mhux konformi jiġi ristrett milli jitqiegħed fis-suq nazzjonali tagħhom jew milli jitħaddem.

Jekk il-miżura nazzjonali fir-rigward ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet titqies ġustifikata, l-Istati Membri kollha għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mhux konformi jiġi rtirat mis-suq tagħhom.

L-Istati Membri għandhom jinformaw lill-Kummissjoni dwar dan.

Jekk il-miżura nazzjonali titqies li ma tkunx ġustifikata, l-Istat Membru kkonċernat għandu jirtira l-miżura.

3. Fejn il-miżura nazzjonali titqies ġustifikata u n-nuqqas ta' konformità tal-lift jew tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet hu attribwit lil nuqqasijiet fl-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 38(5)(b) ta' din id-Direttiva, il-Kummissjoni għandha tapplika l-proċedura stipulata fl-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru [../..] [dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea].

*Artikolu 40 [l-Artikolu R33 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Lift jew komponent ta' sikurezza għal liftijiet konformi li jippreżentaw riskju għas-saħħa u s-sikurezza*

1. Fejn Stat Membru, wara li jkun għamel evalwazzjoni skont l-Artikolu 38(1), isib li, għalkemm lift jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikunu konformi ma' din id-Direttiva, dawn jippreżentaw riskju għas-saħħa jew is-sikurezza tal-persuni jew għal aspetti oħra tal-protezzjoni ta' interess pubbliku, huwa għandu jeżiġi li l-operatur ekonomiku rilevanti jieħu l-miżuri xierqa kollha biex jiżgura li l-lift jew il-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernat, meta jitqiegħed fis-suq, ma jippreżentax aktar dak ir-riskju, jirtira l-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet mis-suq jew jiġbru lura jew jillimita t-tqegħid fis-suq jew it-tħaddim tal-lift, fi żmien raġonevoli li jkun jaqbel man-natura tar-riskju, skont kif hu jistabbilixxi.

2. L-operatur ekonomiku għandu jiżgura li tittieħed azzjoni korrettiva fir-rigward tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kollha kkonċernati li huwa jkun għamel disponibbli fis-suq fl-Unjoni kollha.

3. L-Istat Membru għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħrajn. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi d-dettalji disponibbli kollha, partikolarment id-dejta meħtieġa għall-identifikazzjoni tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ikkonċernati, l-oriġini u l-katina ta’ provvista tal-liftijiet jew tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet, in-natura tar-riskju involut u n-natura u t-tul ta' żmien tal-miżuri nazzjonali meħuda.

4. Il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tikkonsulta mal-Istati Membri u mal-operatur jew operaturi ekonomiċi rilevanti u għandha tevalwa l-miżuri nazzjonali meħuda. Abbażi tar-riżultati ta' dik l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha tiddeċiedi jekk il-miżura tkunx ġustifikata jew le, u fejn ikun meħtieġ, tipproponi miżuri adatti.

5. Il-Kummissjoni għandha tindirizza d-deċiżjoni tagħha lill-Istati Membri kollha u għandha tikkomunikaha minnufih lilhom u lill-operatur jew l-operaturi ekonomiċi rilevanti.

*Artikolu 41 [l-Artikolu R34 tad-Deċiżjoni Nru 768/2008/KE]*

*Nuqqas ta’ konformità formali*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 38, meta Stat Membru jsib waħda minn dawn is-sitwazzjonijet, huwa għandu jeżiġi li l-installatur jew il-manifattur, id-distributur jew l-importatur ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet, itemm in-nuqqas ta' konformità kkonċernata:

(a) il-marka CE twaħħlet bi ksur tal-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 jew tal-Artikolu 18 u 19 ta’ din id-Direttiva;

(b) il-marka CE ma tkunx twaħħlet;

(c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx tħejjiet;

(d) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx saret b'mod korrett;

(e) il-fajl tekniku msemmi fl-Anness IV, il-Parti A u l-Parti B, VII, VIII u XI ma jkunx disponibbli jew ma jkunx komplut.

2. Fejn jippersisti n-nuqqas ta' konformità msemmi fil-paragrafu 1, l-Istat Membru kkonċernat għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jillimita jew jipprojbixxi li l-liftijiet jew il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet isiru disponibbli fis-suq jew jiżgura li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet jinġabru lura jew jiġu rtirati mis-suq.

↓ 95/16/KE (adattat)

*Artikolu 6*

1. Meta Stat Membru jew il-Kummissjoni jqisu li l-istandards armonizzati msemmija fl-Artikolu 5(2) ma jkunux jissodisfaw bis-sħiħ il-ħtiġiet essenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 3, il-Kummissjoni jew l-Istat Membru kkonċernat għandu jressaq dik il-materja quddiem il-Kumitat stabbilit permezz tad-Direttiva 83/189/KEE, u jagħti r-raġunijiet għal dan. Il-Kumitat għandu jagħti opinjoni mingħajr dewmien.

Malli tirċievi l-opinjoni tal-Kumitat, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri jekk ikunx meħtieġ jew le li jiġi rtirati dawk l-istandards mill-informazzjoni ppublikata msemmija fl-Artikolu 5(2).

↓ 95/16/KE

2. Il-Kummissjoni tista tadotta kull miżura xierqa bil-għan li tiġi assigurata l-applikazzjoni prattika b'mod uniformi ta' din id-Direttiva bi qbil mal-proċedura stipulata fil-paragrafu 3.

↓ 1882/2003 Art. 1 u l-Anness I.10 (ġdid)

3. Il-Kummissjoni għandha tagħti l-akbar kont tal-opinjoni mogħtija mill-Kumitat Permanenti (minn hawn 'il quddiem jissemma bħala "l-Kumitat").

Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 3 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE[22], filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8 tagħha.

Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli tiegħu ta' proċedura.

↓ 95/16/KE

4. Il-Kumitat Permanenti jista', minbarra dan, jeżamina kull mistoqsija li tikkonċerna l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u mqajma mill-president tiegħu jew fuq l-inizjattiva ta' dan tal-aħħar jew fuq it-talba ta' xi Stat Membru.

*Artikolu 7*

1. Meta Stat Membru jiżgura li lift jew komponent ta' sigurtà li jkollu l-marka CE u li jkun użat skont l-għan maħsub tiegħu x'aktarx li jkun jista' jipperikola s-sigurtà ta' persuni, u, fejn xieraq, tal-proprjetà, dan għandu jieħu l-miżuri kollha xierqa biex jirtirah mis-suq, biex jżommu milli jkun imqiegħed fis-suq jew milli jkun użat jew li jirrestrinġi l-moviment liberu tiegħu

[22] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni (ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23).

~~L-Istat Membru għandu minnufih jinforma lill-Kummissjoni b'xi miżura bħal dik, waqt li jindika r-raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu u b'mod partikolari jekk in-nuqqas ta' konformità jkunx minħabba:~~

~~(a) nuqqas li jissodisfa l-ħtiġiet essenzjali li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 3;~~

~~(b) l-applikazzjoni skorretta tal-istandards li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(2);~~

~~(c) nuqqasijiet fl-istandards li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu 5(2) infushom.~~

~~2. Il-Kummissjoni għandha tidħol f'konsultazzjonijiet mal-partijiet konċernati malajr kemm jista' jkun. Fejn, wara dawn il-konsultazzjonijiet, il-Kummissjoni ssib li;~~

~~- il-miżuri jkunu ġustifikati, għandha minnufih hekk tinforma lill-Istat Membru li jkun ħa l-inizjattiva u lill-Istati Membri l-oħra; meta d-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1 tkun ibbażata fuq nuqqasijiet fl-istandards, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta l-partijiet ikkonċernati, tressaq il-materja quddiem il-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 6(1), jekk l-Istat Membru li jkun ħa d-deċiżjoni jkollu l-intenzjoni li jżommha, u għandha tibda l-proċedura msemmija fl-Artikolu 6(1),~~

~~- il-miżuri ma jkunux ġustifikati, għandha minnufih tinforma b'dan lill-Istat Membru li jkun ħa l-inizjattiva u lil dak li jinstalla l-lift, lill-manifattur tal-komponenti tas-sigurtà jew lir-rappreżentant awtorizzat ta' dan tal-aħħar li jkun stabbilit fil-Komunità.~~

~~3. Meta lift jew komponent ta' sigurtà li ma jkunx konformi jkollu l-marka CE, l-Istat Membru kompetenti għandu jieħu azzjoni xierqa kontra min ikun waħħal il-marka u għandu hekk jinforma lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra.~~

~~4. Il-Kummissjoni għandha tassigura li l-Istati Membri jinżammu infurmati dwar il-progress u l-iżvilupp tal-proċedura.~~

---

⇩ ġdid

## KAPITOLU VI

## DELEGAZZJONI TAS-SETGĦA

*Artikolu 42*

*Delegazzjoni tas-setgħa*

Il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 43 dwar l-adattamenti tal-Anness III għall-progress tekniku u l-evidenza xjentifika ġdida.

*Artikolu 43*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Is-setgħa li tadotta atti delegati hija kkonferita lill-Kummissjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikolu 42 għandha tiġi kkonferita għal perjodu ta' żmien mhux determinat mid-data speċifikata fl-Artikolu 49 [*id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva*].

3. Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 42 tista' tiġi revokata f'kull żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib fi tmiemha d-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità tal-atti delegati diġà fis-seħħ.

4. Malli tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 42 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jqajmu oġġezzjoni. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

---

| ➔ 95/16/KE (adattat) |
|---|

## KAPITOLU ~~IV~~ VII

## DISPOŻIZZJONIJIET ⌦TRANŻITORJI U ⌫ FINALI

~~*Artikolu 11*~~

~~Kull deċiżjoni meħuda skont din id-Direttiva li tirrestrinġi:~~

~~- it-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid fis-servizz u/jew l-użu ta' lift,~~

~~- it-tqegħid fis-suq u/jew it-tqegħid fis-servizz ta' komponent ta' sigurtà,~~

~~għandha tistqarr ir-raġunijiet eżatti fuq x'hiex tkun ibbażata. Deċiżjoni bħal din għandha tkun innotifikata malajr kemm jista' jkun lill-parti kkonċernata, li għandha fl-istess waqt tkun informata bir-rimedji legali disponibbli għaliha fil-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membri kkonċernat u bil-limiti ta' żmien li dwarhom dawn ir-rimedji jkunu suġġetti.~~

⇩ ġdid

*Artikolu 44*

*Penali*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali applikabbli għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati skont din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa kollha biex jiżguraw li dawn jiġu infurzati.

Il-penali previsti għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

L-Istati Membri għandhom jgħarrfu b'dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni sa [...*id-data speċifikata fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(1)*] u għandhom jgħarrfuha mingħajr dewmien b'kull emenda sussegwenti li taffettwahom.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

~~*Artikolu 12*~~

~~Il-Kummissjoni għandha tieħu l-passi meħtieġa biex ikollha l-informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet kollha relevanti li jirrigwardjaw l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva, li dawn ikunu disponibbli għaliha.~~

*Artikolu 45*

⌦ *Dispożizzjonijiet tranżitorji u finali* ⌫

---

⇩ ġdid

L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu d-disponibbiltà fis-suq jew it-tħaddim ta' liftijiet jew komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet li jkunu koperti bid-Direttiva 95/16/KE u li jikkonformaw ma' dik id-Direttiva u li tqiegħdu fis-suq qabel *[id-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(1)]*.

Iċ-ċertifikati ta' konformità maħruġa skont id-Direttiva 95/16/KE għandhom ikunu validi skont din id-Direttiva sakemm ma jiskadux qabel dik id-data.

| ⬇ 95/16/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

*Artikolu 46*

⌦ *Traspożizzjoni* ⌫

L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, ⌦ sa mhux aktar tard ⌫ ⇨ *[il-jum (ġeneralment l-aħħar jum tax-xahar)/ix-xahar/is-sena = sentejn wara din l-adozzjoni]* ⇦ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ~~ma' din id-Direttiva~~ ⌦ mal-Artikoli: [l-Artikolu 2(5)-2(19), l-Artikoli: 7-14, l-Artikoli: 17-18, l-Artikolu 19(5), l-Artikoli: 20-45, l-Artikolu 46(1), l-Artikolu 47-49] u l-Annessi: [Anness II Parti A Punti: (f), (k), (l), (m), l-Anness II il-Parti B il-Punti: (d), (j), (k), (l), l-Anness IV il-Parti A il-Punti: 2(e), 3(c), 3(e), 3(g), il-Punti: 4(b)-(e), il-Punti: 5-9, l-Anness IV il-Parti B il-Punti: 2(e), 3(c), 3(e), 3(h), il-Punti: 4(c)-(e), il-Punt 5 il-paragrafi: 2-4, il-Punti: 6-9, l-Anness V il-Punt 3.3(b), il-Punti: 6-7, l-Anness VI il-Punti: 3.1(a)-(c), il-Punt 3.3 il-paragrafu 4-5, il-Punt 4.3, il-Punti: 6-7, l-Anness VII il-Punti: 3.1(a)-(b), 3.1(d), 3.1(f), il-Punt 3.3, il-Punt 4.2, il-Punt 6, l-Anness VII il-Punti: 3(c)-(d), 3(g), l-Anness VII il-Punt 4, l-Anness IX il-Punti: 3(a)-(d), l-Anness X il-Punti: 3.1(a), 3.1(e), il-Punt: 3.4, il-Punti: 6-7, l-Anness XI il-Punti: 3.1(a)-(c), 3.1(e), il-Punti: 3.3.3, 3.3.4, il-Punti: 3.4 -3.5, il-Punt 5(b) il-Punt 6, l-Anness XII il-Punt 3.1(a), il-Punt 3.3, il-Punt 6]. [L-artikoli u l-annessi li ġew emendati fis-sustanza tagħhom meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti]. ⌫ ~~mill-1 ta' Jannar 1997.~~ Dawn għandhom ~~jinformaw~~ ⌦ jikkomunikaw ⌫ minnufih lill-Kummissjoni ⌦ t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet kif ukoll tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva. ⌫

⇨Dawn għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mill- [*il-jum (ġeneralment l-ewwel jum tax-xahar)/ix-xahar/is-sena = il-jum wara d-data msemmija fl-ewwel subparagrafu*]. ⇦

Meta l-Istati Membri jadottaw ~~dawn il-miżuri~~ ⌦ dawk id-dispożizzjonijiet ⌫ , dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-publikazzjoni uffiċjali tagħhom. ~~Il-metodi ta' kif għandha ssir dik ir-referenza għandhom ikunu stipulati mill-Istati Membri~~ ⌦ Dawn għandhom jinkludu wkoll dikjarazzjoni li r-referenzi fil-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi eżistenti għad-direttiva revokata b'din id-Direttiva għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għal din id-Direttiva. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir referenza bħal din u kif għandha tiġi fformulata d-dikjarazzjoni. ⌫

~~L-Istati Membri għandhom japplikaw dawn il-miżuri b'effett mill-1 ta' Lulju 1997.~~

~~2. Sat-30 ta' Ġunju 1999 l-Istati Membru għandhom jippermettu:~~

~~– it-tqegħid fis-suq u tqegħid fis-servizz ta' lifts,~~

~~– it-tqegħid fis-suq u tqegħid fis-servizz ta' komponenti ta' sigurtà,~~

~~li jkunu konformi mad-dispożizzjonijiet fis-seħħ fit-territorji tagħhom fid-data tal-adozzjoni ta' din id-Direttiva.~~

↓ 95/16/KE (adattat)

~~3.~~2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ⌦ ewlenin ⌫ tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

*Artikolu ~~16~~ 47*

*⌦ Rappurtar ⌫*

↓ 95/16/KE

~~Mhux aktar tard mit-30 ta' Ġunju 2002, il-Kummissjoni għandha, b'konsultazzjoni mal-Kumitat li hemm referenza dwaru fl-Artikolu 6(3) u fuq il-bażi tar-rapporti pprovduti mill-Istati Membri, teżamina mill-ġdid il-funzjonament tal-proċeduri stipulati f'din id-Direttiva u, fejn meħtieġ, tibgħat kull proposta għall-emendi xierqa.~~

⇩ ġdid

*[Sal- ... u kull ħames snin wara dik id-data]* l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni r-rapporti dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

↓ 95/16/KE (adattat)

*Artikolu ~~13~~ 48*

*⌦ Revoka ⌫*

~~Id-Direttiva 84/528/KEE u d-Direttiva 84/529/KEE huma b'dan imħassra b'effett mill-1 ta' Lulju 1999.~~

~~*Artikolu 14*~~

~~Fir-rigward tal-aspetti li jikkonċernaw l-installazzjoni tal-lift, din id-Direttiva hija Direttiva skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tad-Direttiva 89/106/KEE.~~

↓ 95/16/KE
⇨ ġdid

⇨ Id-Direttiva 95/16/KE, kif emendata bl-atti elenkati fil-Parti A tal-Anness XIII, hi revokata b'effett mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(1) ta' din id-Direttiva, bla ħsara għall-obbligi tal-Istati Membri marbuta mal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali tad-Direttivi, stabbliti fil-Parti B tal-Anness XIII. ⇦

⇨ Ir-referenzi għad-Direttiva revokata għandhom jiġu interpretati bħala r-referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness XIV. ⇦

🡻 95/16/KE (adattat)

*Artikolu ~~49~~*

⌦ *Dħul fis-seħħ* ⌫

🡻95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

⇨Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. ⇦

⌦ L-Artikoli: [l-Artikolu 1, l-Artikolu 2(1)-2(5), l-Artikoli: 3-6, l-Artikoli: 15-16, l-Artikolu 19(1)-19(4), l-Artikolu 45, l-Artikolu 46(2), l-Artikolu 50] u l-Annessi: [l-Anness I, l-Anness II il-Parti A il-Punti: (a), (b), (c), (d), (e), (g), (h), (i), (j), l-Anness II il-Parti B il-Punti: (a), (b), (c), (e), (f), (g), (h), (i), l-Anness III, l-Anness IV il-Parti A il-Punti: 1, 2(a)-(d), 3(a)-(b), 3(d), 3(f), 3(h)-(i), l-Anness IV il-Parti A il-Punt 4(a), il-Punti: 10-11, l-Anness IV il-Parti B il-Punti: 1, 2(a)-(d), 3(a)-(b), 3(d), 3(f)-(g) 3(i)-(j), il-Punti: 4(a)-(b), il-Punt 5 il-paragrafu 1, il-Punti 10-11, l-Anness V il-Punti: 1-3.2, il-Punt 3.3(a), il-Punti: 3.4-5, l-Anness VI il-Punti: 1-2, il-Punt 3.1(d)-(f), il-Punt 3,2 il-Punt 3.3 il-paragrafi 1-3, il-Punti 3.4-4.2, il-Punt 5, l-Anness VII il-Punti 1-2, il-Punti: 3.1(c), 3.1(e), il-Punt 3.2, il-Punt 3.4, il-Punt 4.1, il-Punti: 4.3-5, il-Punt 7, l-Anness VII il-Punti: 1-2, il-Punti: 3(a)-(b), 3(e)-(f), 3(h), il-Punti: 5-6, l-Anness IX il-Punti: 1-2, il-Punti: 4-7, l-Anness X il-Punti: 1-2, il-Punti: 3.1(b)-(d), il-Punti: 3.2-3.3, il-Punti: 4-5, l-Anness XI il-Punti: 1-2, il-Punt: 3.1(d), il-Punt 3.2, il-Punt 3.3.1, il-Punt 4, il-Punt 5(a), 5(c), 5(d), il-Punt 7, l-Anness XII il-Punti: 1-2, il-Punti 3.1(b)-(d), il-Punt 3.2, il-Punt 3.4, il-Punti: 4-5, il-Punt 7]. [*L-artikoli u l-annessi li ma tbiddlux meta mqabbla mad-Direttiva preċedenti*] għandhom japplikaw [*mid-data stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 46(1)*]. ⌫

🡻 95/16/KE

*Artikolu 50~~17~~*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi […],

*Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill*
*Il-President* | *Il-President*

⬇ 95/16/KE (adattat)

## ANNESS I

⌦ 1. L-ispezzjoni finali hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jaċċerta u jiċċertifika li lift installat suġġett għal-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE jew iddisinjat u mmanifatturat skont sistema approvata ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità, jissodisfa r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⌫

~~2. L-installatur tal-lift għandu jieħu l-passi kollha meħtieġa biex jassigura li l-lift li jkun tqiegħed fis-suq ikun konformi mal-mudell tal-lift deskritt fiċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip KE u mal-ħtiġiet essenzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà applikabbli għalih.~~

### ⌦ 2. OBBLIGI TAL-INSTALLATUR ⌫

⌦ 2.1. L-installatur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-lift li jkun qed jiġi installat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u ma' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: ⌫

⌦ (a) tip approvat deskritt f'ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE; ⌫

⌦ (b) lift iddisinjat u mmanifatturat skont sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità skont l-Anness XI u ċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE jekk id-disinn ma jkunx għal kollox skont l-istandards armonizzati. ⌫

↓ 95/16/KE (adattat)

⌦2.2. L-installatur tal-lift għandu jħejji dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u jwaħħal il-marka CE fil-kabina ta' kull lift li tissodisfa r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali ta' din id-Direttiva. ⌫

### ⌦ 3. SPEZZJONI FINALI. ⌫

~~5. Il-korp notifikat għandu jirċievi id-dokumenti li ġejjin:~~

⌦ 3.1 L-installatur għandu jipprovdi lill-korp notifikat id-dokumenti li ġejjin: ⌫

(a)~~-~~ il-pjanta tal-lift komplut~~,~~;

(b)~~-~~ il-pjanti u d-disinji meħtieġa għall-ispezzjoni finali, b'mod partikolari tad-disinji taċ-ċirkwiti ta' kontroll~~,~~;

(c)- kopja tal-ktejjeb tal-istruzzjoni ⌦ għall-użu ⌫ msemmi fl-Anness I, it-Taqsima il-Punt 6.2.

Il-korp notifikat ma jistax jeħtieġ pjanti dettaljati jew informazzjoni preċiża li ma tkunx meħtieġa għall-verifikar tal-konformità tal-lift ⌦ installat ⌫ li jkun sejjer jitqiegħed fis-suq mal-mudell tal-lift deskritt fid-dikjarazzjoni ta' l-eżami tat-tip KE.

⌦ 3.2 Korp notifikat magħżul mill-installatur għandu jwettaq l-ispezzjoni finali tal-lift installat li jkun se jitqiegħed fis-suq biex jiċċekkja l-konformità tal-lift mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali applikabbli ta' din id-Direttiva. ⌫

⌦ L-eżamijiet u t-testijiet xierqa stabbiliti fl-istandards armonizzati rilevanti msemmija fl-Artikolu 14, għandhom jitwettqu biex tiġi żgurata l-konformità tal-lift mal-ħtiġijiet ta' saħħa u sikurezza essenzjali ta' din id-Direttiva. Fin-nuqqas ta' tali standards armonizzati, il-korp notifikat ikkonċernat għandu jiddetermina t-testijiet ekwivalenti xierqa li għandhom jitwettqu. ⌫

4. Korp notifikat magħżul mill-installatur tal-lift għandu jwettaq jew jara li jkun imwettaq, l-eżami finali tal-lift li jkun sejjer jitqiegħed fis-suq. It-testijiet xierqa u l-verifiki definiti fl-istandards applikabbli msemmija fl-Artikolu 5, jew testijiet ekwivalenti, għandhom jitwettqu sabiex tiġi assigurata l-konformità tal-lift mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva.

Dawn il-verifiki u u testijiet għandhom ikopru b'mod partikolari:

(a) l-eżami tad-dokumentazzjoni biex jiġi verifikat li l-lift ikun konformi mal-mudell rappreżentattiv tal-lift li jkun ġie approvat skont l-Anness V.B;

⌦ 3.3. L-eżamijiet għandhom jinkludu mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: ⌫

⌦ (a) l-eżami tad-dokumenti msemmija fil-punt 3.1 biex jiġi ċċekkjat li l-lift installat jikkonforma mal-lift mudell suġġett għal ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE skont l-Anness IV B; ⌫

---

⇩ ġdid

(b) l-eżami tad-dokumenti msemmija fil-punt 3.1 biex jiġi ċċekkjat li l-lift installat jikkonforma mal-lift iddisinjat u mmanifatturat skont sistema approvata ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità skont l-Anness XI u jekk id-disinn ma jkunx għal kollox skont l-istandards armonizzati, maċ-ċertifikat ta' eżami tad-disinn tal-UE.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

⌦ 3.4. It-testijiet għandhom jinkludu mill-inqas waħda minn dawn li ġejjin: ⌫

---

🡻 95/16/KE

(a)- l-operazzjoni tal-lift, kemm vojt u wkoll bit-tagħbija massima biex biex tiġi assigurata l-installazzjoni korretta u l-operat tal-apparat ta' sigurtà (waqfien fit-termini, apparat ta' tiskir, eċċ.),;

(b)- l-operazzjoni tal-lift kemm bit-tagħbija massima u wkoll vojt biex jiġi assigurat l-iffunzjonar korrett tal-apparat ta' sigurtà fil-każ ta' qtugħ tal-elettriku,;

---

🡻 95/16/KE (adattat)

(c)- test statiku b'tagħbija ta' 1,25 drabi tat-tagħbija nominali.

It-tagħbija nominali ⌦ nominali ⌫ għandha tkun dik li hemm referenza dwarha fl-Anness I, Taqsima il-Punt 5.

---

🡻 95/16/KE

Wara dawn it-testijiet, il-korp notifikat għandu jivverifika li ma jkunx seħħ xi tgħawwiġ jew deterjorazzjoni li tista' tfixkel l-użu tal-lift.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

⌦ 4. Jekk il-lift installat jissodisfa r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I, il-korp notifikat għandu jwaħħal jew jara li jitwaħħal in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19 u għandu jħejji ċertifikat ta' spezzjoni finali li jsemmi l-eżamijiet u t-testijiet imwettqa. ⌫

6. Jekk il-lift jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, il-korp notifikat għandu jwaħħal jew jara li jitwaħħal in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Anness III u għandu jħejji ċertifikat ta' spezzjoni finali li jsemmi l-verifiki u t-testijiet imwettqa.

---

🡻 95/16/KE

Il-korp notifikat għandu jimla l-paġni korrispondenti tar-reġistru li hemm referenza dwaru fl-Anness I, it-Taqsima il-Punt 6.2.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

Jekk il-korp notifikat jirrifjuta li joħroġ iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali, għandu jagħti raġunijiet dettaljati għar-rifjut u jirrakomanda l-mezzi li bihom l-aċċettazzjoni tkun tista tiġi akwistata. ⌦ u jindika l-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu. ⌫ Meta l-installatur tal-lift jerġa' japplika għall-ispezzjoni finali, hu għandu japplika mal-istess korp notifikat.

7. Iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali, id-dossiers u l-korrispondenza li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-aċċettazzjoni għandhom ikunu mħejjija fl-ilsien uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew f'ilsien aċċettabbli għalih.

⌦ 5. Iċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali, id-dokumentazzjoni u l-korrispondenza li għandhom x'jaqsmu mal-proċeduri tal-aċċettazzjoni tal-ispezzjoni finali għandhom jitħejjew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew f'ilsien aċċettabbli għalih. ⌫

6. ~~3.~~ L-installatur ~~tal-lift~~ għandu jżomm kopja tad-dikjarazzjoni ~~KE~~ ta' konformità ⌦ tal-UE ⌫ maċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali ~~msemmi fit-Taqsima 6,~~ għal 10 snin wara ⌦ t-tqegħid ⌫ ~~mid-data ta' meta l-lift ikun tqiegħed fuq~~ fis-suq ⌦ tal-lift ⌫ .

---

⇩ ġdid

7. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri jistgħu jiksbu kopja taċ-ċertifikat tal-ispezzjoni finali wara talba.

🡻 95/16/KE (adattat)

## ~~L-ANNESS VII~~

## ~~KRITERJI MINIMI LI GĦANDU JINGĦATA KONT TAGĦOM MILL-ISTATI MEMBRI GĦAN-NOTIFIKAZZJONI TAL-KORPI~~

~~1. Il-korp, id-direttur tiegħu u l-impjegati responsabbli għat-twettiq tal-operazzjonijiet ta' verifika ma jistgħux ikunu d-disinjatur, il-bennej, il-fornitur jew il-manifattur ta' komponenti ta' sigurtà jew l-installatur tal-lifts li huma jispezzjonaw, l-anqas ma jista' jkun ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi wieħed minn dawk il-partijiet. Bl-istess mod, il-korp, id-direttur tiegħu u l-impjegati responsabbli għat-twettiq ta' superviżjoni tal-assigurazzjoni ta' kwalità tas-sistemi msemmija fl-Artikolu 8 tad-Direttiva ma jistgħux ikunu d-disinjatur, il-bennej, il-fornitur jew il-manifattur ta' komponenti ta' sigurtà jew l-installatur tal-lifts li huma jispezzjonaw, lanqas ma jista' jkun ir-rappreżentant awtorizzat ta' xi wieħed minn dawk il-partijiet. Huma ma jistgħux ikunu involuti la direttament jew bħala rappreżentanti awtorizzati, fid-disinn, kostruzzjoni, marketing jew manutenzjoni tal-komponenti ta' sigurtà jew fl-installazzjoni tal-lifts. Din ma tipprekludix il-possibilità ta' bdil ta' informazzjoni teknika bejn il-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà jew l-installatur tal-lift u l-korp.~~

~~2. Il-korp u l-impjegati tiegħu għandhom iwettqu l-ispezzjoni jew is-superviżjoni tal-operazzjonijiet bl-għola grad ta' integrità professjonali u ta' kompetenza teknika u għandhom ikunu ħielsa minn kull pressjoni u tħajjir, b'mod partikolari finanzjaru, li jista' jinfluwenza l-ġudizzju tagħhom jew ir-riżultati tal-ispezzjoni, speċjalment minn persuni jew gruppi ta' persuni b'interess fir-riżultat tal-ispezzjoni jew superviżjoni.~~

~~3. Il-korp għandu jkollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-impjegati meħtieġa u jkun jipposjedi l-faċilitajiet meħtieġa biex jiffaċilita li jkun jistgħu jwettqu sewwa d-doveri tekniċi u amministrattivi konnessi mal-ispezzjonar jew is-superviżjoni; dan għandu jkollu aċċess għat-tagħmir meħtieġ għall-verifikazzjoni speċjali.~~

~~4. L-impjegati responsabbli għall-ispezzjoni għandu jkollhom:~~

~~taħriġ sod tekniku u professjonali, tagħrif sodisfaċenti tal-ħtiġiet għat-testijiet li huma jwettqu u esperjenza adegwata ta' dawk it-testijiet, l-abbilità li jħejju ċ-ċertifikati, ir-reġistri u r-rapporti meħtieġa bies jawtentikaw it-twettieq tat-testijiet.~~

~~5. L-imparzjalità tal-impjegati tal-ispezzjoni għandha tkun iggarantita. Il-ħlas tagħhom m'għandux ikun jiddependi min-numru ta' testijiet li huma jwettqu jew fuq ir-riżultati ta' dawk it-testijiet.~~

~~6. Il-korp għandu jieħu assigurazzjoni tal-lijabilità sakemm il-lijabilità tiegħu ma tkunx merfugħa mill-Istat skont il-liġi nazzjonali, jew jekk l-Istat Membru nnifsu jkun direttament responsabbli għat-testijiet.~~

~~7. L-impjegati tal-korp għandhom josservaw segretezza professjonali fir-rigward tal-informazzjoni kollha akkwistata fit-twettiq tad-doveri tagħhom (ħlief vis-à-vis l-awtoritajiet amministrattivi kompetenti tal-Istat li fih l-attivitajiet ikunu mwettqa) skont din id-Direttiva jew xi dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali li tagħtiha effett.~~

🡻 95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

# L-ANNESS VI ~~VIII~~

## ASSIGURAZZJONI TAL-KWALITÀ TAL-PRODOTT ⌦ GĦALL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET ⌫

(Il-Modulu E)

~~Assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott hija l-proċedura li biha l-manifattur tal-komponent ta' sigurtà li jissodisfa t-Taqsima 2 jassigura u jiddikjara li l-komponenti ta' sigurtà jkunu konformi mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip KE u jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw dwarhom u jassigura u jiddikjara li l-komponent ta' sigurtà ikun jippermetti li l-lift li miegħu jkun imwaħħal kif suppost jkun jissodisfa d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva.~~

~~Il-manifattur tal-kompenent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunità għandu jwaħħal il-marka CE ma kull komponent ta' sigurtà u jħejji d-dikjarazzjoni KE dwar il-konformità. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata bin-numru tal-identifikazzjoni tal-korp innotifikat li jkun responsabbli għas-sorveljanza kif speċifikat fit-Taqsima 4.~~

~~2. Il-manifattur għandu japplika sistema approvata ta' assigurazzjoni ta' kwalità għall-ispezzjoni finali tal-komponent ta' sigurtà u l-ittestjar kif speċifikat fit-Taqsima 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fit-Taqsima 4.~~

⌦ 1. Assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott ta' manifattur sabiex jiżgura li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma mmanifatturati u mmonitorjati b'konformità mat-tip deskritt fiċ-ċertifikat tal-eżami tat-tip tal-UE u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u se jippermettu li l-lift li miegħu jkunu mwaħħla b'mod korrett jissodisfa dawk ir-rekwiżiti. ⌫

### ⌦ 2. L-OBBLIGI TAL-MANIFATTUR ⌫

⌦ 2.1. Il-manifattur għandu japplika sistema approvata ta' assigurazzjoni ta' kwalità tal-prodott għall-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponent ta' sikurezza għal-liftijiet kif speċifikat fil-Punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-Punt 4. ⌫

⌦ 2.2. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunità għandu jwaħħal il-marka CE ma kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. ⌫

### 3.SISTEMA TA' ASSIGURAZZJONI TA' KWALITÀ ⌦ TAL-PRODOTT ⌫

3.1. Il-manifattur ~~tal-komponent ta' sigurtà~~ ⌦ jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ⌫ għandu jippreżenta applikazzjoni, għall-istima tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità

⌦ tal-prodott ⌫ użata minnu għall-komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ ma' korp notifikat ⇨ wieħed ⇦ tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi:

---

⇩ ġdid

(a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni tiġi ppreżentata mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;

(b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;

(c) il-post fejn isiru l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet;

---

🡻 95/16/KE (adattat)

(d)- l-informazzjoni relevanti kollha għall- ⌦ dwar il- ⌫ komponenti ta' sigurtà ppjanati ⌦ għal-liftijiet li jridu jiġu mmanifatturati ⌫,;

(e)- id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫,;

(f)- id-dokumentazzjoni ⌦ il-fajl jew il-fajls ⌫ tekniċika ta' komponenti ta' sigurtà approvati ⌦ għal-liftijiet li jridu jiġu mmanifatturati ⌫ u kopja taċ-ċertifikati ⌦ taċ-ċertifikat(i) ⌫ ta' eżami tat-tip KE ⌦tal-UE. ⌫

3.2. Skont is-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫, kull komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ għandu jkun eżaminat ⌦ spezzjonat ⌫ u t-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandards relevanti msemmija fl-Artikolu 514 jew testijiet ekwivalenti għandhom jitwettqu sabiex tiġi assigurata l-konformità tiegħu ⌦ mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali ⌫ mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva. ⌦ stabbiliti fl-Anness I. ⌫

L-elementi kollha, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet adottati mill-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordnat fl-għamla ta' miżuri bil-miktub, proċeduri u istruzzjonijiet. Din id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità għandha tassigura ftehim komuni tal-programmi ta' kwalità, pjanti, manwali u reġistri.

---

🡻 95/16/KE

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

(a) il-miri tal-kwalità;

---

🡻 95/16/KE (adattat)

(b) l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u s-setgħat tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-kwalità tal-komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫;

(c) l-eżamijiet ⌦ l-ispezzjonijiet ⌫ u t-testijiet li għandhom jitwettqu wara l-manifattura;

(d) il-mezzi biex tkun ivverifikata l-operazzjoni effettiva tas-sistema ta’ assigurazzjoni ta’ kwalità ⌦ tal-prodott ⌫;

---

↓ 95/16/KE

(e) reġistri tal-kwalità, bħalma huma rapporti tal-ispezzjoni u d-dettalji dwar it-testijiet, id-dettalji ta’ kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati, eċċ.

---

↓ 95/16/KE (adattat)

3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta’ assigurazzjoni ta’ kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom ~~fit-Taqsima~~ fil-Punt 3.2. Għandu jippreżumi l-konformità ma’ dawn il-ħtiġijiet fir-rigward tas-sistemi ta’ assigurazzjoni ta’ kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ li jimplimentaw l-istandard armonizzat relevanti~~[31]~~.

Il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b’esperjenza ta’ stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift ⌦ u għarfien tar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⌫

Il-proċedura tal-istima għandha tinkludi żjara fil-post ~~tal-manifattur tal-komponent ta’ sigurtà~~ ⌦ fejn isiru l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ⌫.

---

↓ 95/16/KE (adattat)

~~Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-manifattur tal-komponenti tas-sigurtà. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-eżami u d-deċiżjoni rraġunata tal-istima.~~

⌦ Id-deċiżjoni għandha tkun innotifikata lill-manifattur. In-notifika għandha tinkludi l-konklużjonijiet tal-eżami u r-rapport motivat tal-valutazzjoni. ⌫

---

⇩ ġdid

Taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat, il-manifattur għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19 mal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet matul il-proċess ta' manifattura.

---

↓ 95/16/KE (adattat)

3.4. Il-manifattur ~~tal-komponenti ta’ sigurtà~~ għandu jintrabat li jwettaq l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta’ assigurazzjoni ta’ kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ kif approvata u biex jassigura li din tkun mantnuta b’mod xieraq u effiċjenti.

Il-manifattur ~~tal-komponenti ta’ sigurtà~~ jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit ~~fil-Komunità~~ ⌦ fl-Unjoni ⌫ għandu jżomm lill-korp notifikat li jkun approva s-sistema ta’

---

31 ~~Dan li-standard arminizzat għandu jkun EN 29003, issupplimentat fejn meħtieġ biex jingħata akkont tal-fatturi speċifiċi tal-komponenti ta’ sikurezza.~~

assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ infurmat dwar kull aġġornar maħsub tas-sistema ~~ta' assigurazzjoni tal-kwalità~~.

Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ tkunx baqgħet tissodisfa l-ħtiġijiet imsemmija ~~fit-Taqsima~~ fil-Punt 3.2 jew jekk stima mill-ġdid tkunx meħtieġa.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-manifattur. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal-eżami u ~~d-deċiżjoni~~ ⌦ r-rapport ⌫ irraġunata tal-istima.

## 4. SORVELJANZA TAĦT IR-RESPONSABILITÀ TAL-KORP NOTIFIKAT

4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jiżgura ruħu li l-manifattur ~~tal-komponent ta' sigurtà~~ jiwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫.

4.2. Il-manifattur għandu jippermetti lill-korp notifikat aċċess għall-għanijiet ta' spezzjoni ⌦ għall-post fejn ⌫ ~~biex~~ isseħħ l-ispezzjoni, it-testijiet u l-lokalitajiet tal-ħażna u li jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a)~~-~~ id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità ⌦ tal-prodott ⌫~~,~~;

(b)~~-~~ ~~id-dokumentazzjoni~~ ⌦ il-fajl jew il-fajls ⌫ tekniċi~~ka,~~;

---

↓ 95/16/KE

(c)~~-~~ ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dettalji dwar it-testijiet, id-dettalji ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati, eċċ.

---

↓ 95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

4.3. Il-korp notifikat għandu perjodikament iwettaq verifiki biex jassigura li l-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà li~~ jiżomm u japplika s-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ u għandu jipprovdi rapport tal-verifiki, lill-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurt,~~ ⇨u, fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. ⇦

4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jwettaq żjarat għall-għarrieda ~~lill-manifattur tal-komponent ta' sigurtà~~ ⌦ għall-postijiet fejn jitwettqu l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ⌫.

Waqt dawk iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-iffunzjonar xieraq tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità ⌦ tal-prodott ⌫ ~~kif meħtieġ;~~ ~~għandu~~ ⌦ Dan għandu ⌫ jipprovdi lill-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~ ⇨u, fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ⇦ b'rapport taż-żjara u, jekk test ikun twettaq, b'rapport tat-test.

5. Il-manifattur għandu, għal perjodu li jintemm 10 snin wara li l-aħħar komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ jikun ~~ġie manifatturat~~ ⇨ tqiegħed fis-suq ⇦, iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

🡻 95/16/KE (adattat)

(a)- ~~id-dokumentazzjoni~~ ⌦ il-fajl jew il-fajls teknići ⌫ li hemm referenza dwarhaom ~~fit-tielet inċiż tat-tieni paragrafu~~ ~~tat-Taqsima~~ tal-Punt 3.1(f),;

⇩ ġdid

(b) id-dokumentazzjoni msemmija fil-Punt 3.1(e);

🡻 95/16/KE (adattat)

(c)- l-aġġornar li hemm referenza dwaru fit-tieni paragrafu ~~tat-Taqsima~~ tal-Punt 3.4,;

(d)- id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat li hemm referenza dwarhom fil-paragrafu finali ~~tat-Taqsima~~ tal-Punt 3.4 u ~~t-Taqsimiet~~ l-Punti 4.3 u 4.4.

~~6. Kull korp notifikat għandu jibgħat lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti li tikkonċerna l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità maħruġa jew irtirati.~~

⇩ ġdid

6. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott maħruġa jew irtirati, u, għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu, il-lista tad-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa, irrifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira, u, jekk jintalab jagħmel dan, bid-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità tal-prodott li jkunu nħarġu.

7. Id-dokumenti u l-korrispondenza marbuta mas-sistema tal-assigurazzjoni ta' kwalità tal-prodott għandhom jitħejjew f'wieħed mill-ilsna uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew f'ilsien aċċettabbli għalih.

🡻 95/16/KE (adattat)

## L-ANNESS VII IX

## ASSIGURAZZJONI SĦIĦA TA' KWALITÀ ⌦ GĦALL-KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET ⌫

(Il-Modulu H)

~~1. L-assigurazzjoni sħiħa ta' kwalità hija l-proċedura li biha l-manifattur tal-komponent ta' sigurtà li jkun issodisfa l-obbligazzjonijiet tat-Taqsima 2 jassigura u jiddikara li l-komponenti ta' sigurtà jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li tapplika għalihom u li l-komponent ta' sigurtà jkun jippermetti li l-lift li miegħu jkun korrettament imwaħħal li jissodisfa l-ħtiġiet tad-Direttiva.~~

~~Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunità għandu jwaħħal il-marka CE ma kull komponent ta' sigurtà u jħejji d-dikjarazzjoni KE dwar il-konformità. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata bin-numru tal-identifikazzjoni tal-korp innotifikat li jkun responsabbli għas-sorveljanza kif speċifikat fit-Taqsima 4.~~

~~2. Il-manifattur għandu jopera sistema approvata ta' assigurazzjoni ta' kwalità għad-disinn, il-manifattura u l-ispezzjoni finali tal-komponent ta' sigurtà u l-ittestjar kif speċifikat fit-Taqsima 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fit-Taqsima 4.~~

⌦ 1. Assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat jivvaluta s-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità ta' manifattur sabiex jiżgura li l-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma ddisinjati, manifatturati, spezzjonati u ttestjati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u biex jippermettu li l-lift li miegħu jkunu mwaħħla b'mod korrett jissodisfa dawk ir-rekwiżiti. ⌫

⌦ 2.1. Il-manifattur għandu jħaddem sistema approvata ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità għad-disinn, il-manifattura, l-ispezzjoni finali u l-ittestjar tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet kif speċifikat fil-Punt 3, u għandu jkun suġġett għas-sorveljanza kif speċifikat fil-Punt 4. ⌫

⌦ 2.2. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fl-Unjoni għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. Il-marka CE għandha tkun akkumpanjata bin-numru tal-identifikazzjoni tal-korp notifikat responsabbli għas-sorveljanza kif speċifikat fil-Punt 4. ⌫

### 3. SISTEMA TA' ASSIGURAZZJONI ⌦ SĦIĦA ⌫ TA' KWALITÀ

🡻 95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

3.1. Il-manifattur ⌦ jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ⌫ għandu jippreżenta applikazzjoni għall-istima tas-sistema tiegħu ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità ma' l- korp notifikat ⇨ wieħed ⇦ ⌦ tal-għażla tiegħu ⌫. L-applikazzjoni għandha tinkludi:

MT MT

⇩ ġdid

(a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;

(b) il-post fejn il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet huma ddisinjati, immanifatturati, spezzjonati u ttestjati;

🡻 95/16/KE (adattat)

(c)- l-informazzjoni relevanti kollha għall- ⌦ dwar il- ⌫ komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet li jridu jiġu mmanifatturati ⌫,;

⇩ ġdid

(d) fajl tekniku skont il-Punt 3 tal-Anness IVA għal mudell wieħed ta' kull kategorija ta' komponent ta' sikurezza għal-liftijiet skont l-Anness III li jrid jiġi mmanifatturat;

🡻 95/16/KE (adattat)

(e)-id-dokumentazzjoni dwar is-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità,;

⇩ ġdid

(f) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma ġietx ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor.

🡻 95/16/KE (adattat)

~~3.2. Is-sistema ta' assigurazzjoni tal-kwalità għandha tassigura l-konformità tal-komponenti ta' sigurtà mal-ħtiġiet tad-Direttiva li tapplika dwarhom u li tippermetti li l-lifts li fihom ikunu korrettament imwaħla li jissodisfaw dawk il-ħtiġiet.~~

3.2. L-elementi, il-ħtiġijiet u d-dispożizzjonijiet kollha adottati mill-manifattur għandhom ikunu dokumentati b'mod sistematiku u ordinat fl-għamla ta' miżuri, proċeduri u struzzjonijiet bil-miktub. Din is-sistema ta' dokumentazzjoni tal-assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità għandha tassigura ftehim komuni ta' strateġija ta' kwalità u proċeduri bħalma huma programmi ta' kwalità, pjanti, manwali u reġistri.

Għandu jkun fiha, b'mod partikolari, deskrizzjoni adegwata ta':

(a)- il-miri tal-kwalità u l-istruttura organizzattiva, ir-responsabbiltajiet u l-poteri tal-amministrazzjoni fir-rigward tad-disinn u l-kwalità tal-komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫,;

(b)- l-ispeċifikazzjonijiet tad-disinn tekniku, inklużi standards, li għandhom ikunu applikati u, fejn l-istandards imsemmija fl-Artikolu ~~5~~14 ⌦ mhumiex ⌫ ~~ma jkunux~~ applikati ⌦ jew mhumiex applikati ⌫ kollha kemm huma, il-mezzi li jkunu użati biex jiġi assigurat li l-

ħtiġijiet ⌦ ta' saħħa u sikurezza ⌫ essenzjali ~~tad-Direttiva li japplikaw dwar il-komponenti ta' sigurtà~~ ⌦ stabbiliti fl-Anness I ⌫ jintlaħqu~~,~~;

(c)~~-~~ il-kontroll tad-disinn u t-teknika tal-verifikazzjoni tad-disinn, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li jiġu użati meta jkunu qed jiġu ddisinjati l-komponenti ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫~~,~~;

---

| ↓ 95/16/KE |
|---|

(d)~~-~~ it-teknika korrispondenti dwar manifattura, kontroll ta' kwalità u assigurazzjoni ta' kwalità, il-proċessi u l-azzjonijiet sistematiċi li jkunu se jintużaw~~,~~;

(e)~~-~~ l-eżamijiet u t-testijiet li għandhom jitwettqu qabel, matul u wara l-manifattura, u l-frekwenza li biha dawn għandhom jitwettqu,~~,~~;

(f)~~-~~ ir-reġistri ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dettalji dwar it-testijiet, id-dettalji ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati, eċċ.~~,~~;

(g)~~-~~ il-mezzi ta' sorveljanza dwar il-ksib tad-disinn meħtieġ u l-kwalità tal-prodott u l-operat effettiv tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità.

---

| ↓ 95/16/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

3.3. Il-korp notifikat għandu jistma s-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità biex jistabbilixxi jekk din tissodisfax il-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom ~~fit-taqsima~~ fil-Punt 3.2. Għandha tkun preżunta l-konformità ma' dawn il-ħtiġijiet fir-rigward tas-sistemi ta' assigurazzjoni ta' kwalità li jimplimentaw l-istandards armonizzati relevanti ~~[32]~~.

Il-grupp tal-awdituri għandu jkollu mill-anqas membru wieħed b'esperjenza ta' stima fit-teknoloġija kkonċernata tal-lift ⇨ u għarfien dwar ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⇦ Il-proċedura tal-istima għandha tinkludi żjara fil-post tal-manifattur.

---

| ⇩ ġdid |
|---|

It-tim ta' awditjar għandu jirrevedi l-fajl jew il-fajls tekniċi msemmija fil-Punt 3.1 biex jivverifika l-abbiltà tal-manifattur li jidentifika r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I u li jwettaq l-eżamijiet meħtieġa bl-għan li jiżgura l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet ma' dawk ir-rekwiżiti.

---

| ↓ 95/16/KE (adattat)<br>⇨ ġdid |
|---|

Id-deċiżjoni għandha tkun notifikata lill-manifattur ~~tal-komponenti tas-sigurtà~~ ⇨ u, fejn xieraq, lir-rappreżentant awtorizzat tiegħu. ⇦ In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet tal- ⌦ valutazzjoni ⌫ ~~eżami~~ u d-deċiżjoni rraġunata tal-~~istima~~ ⌦ approvazzjoni ⌫.

---

32 ~~Dan li-standard arminizzat għandu jkun EN 29001, issupplimentat fejn meħtieġ biex jingħata akkont tal-fatturi speċifiċi tal-komponenti ta' sikurezza.~~

⇩ ġdid

Taħt ir-responsabbiltà tal-korp notifikat, il-manifattur għandu jwaħħal in-numru ta' identifikazzjoni tal-korp notifikat biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 19 mal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet matul il-proċess ta' manifattura.

🡻 95/16/KE (adattat)

3.4. Il-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~ għandu jintrabat li jwettaq l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità kif approvata u biex jassigura li din tkun mantenuta b'mod xieraq u effiċjenti.

Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ~~stabbilit fil-Komunità~~ għandu jżomm lil korp notifikat li jkun approva s-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità, infurmat b'kull aġġornament maħsub tas-sistema ~~ta' assigurazzjoni ta' kwalità~~.

Il-korp notifikat għandu jistma l-modifikazzjonijiet proposti u jiddeċiedi jekk is-sistema modifikata ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità tkunx baqgħet tissodisfa l-ħtiġijiet li hemm referenza dwarhom ~~fit-Taqsima~~ fil-Punt 3.2 jew jekk stima mill-ġdid tkunx meħtieġa.

Għandu jinnotifika d-deċiżjoni tiegħu lill-manifattur. In-notifikazzjoni għandu jkun fiha l-konklużjonijiet ~~tal-eżami~~ ⌦ tal-valutazzjoni ⌫ u d-deċiżjoni rraġunata ~~tal-istima~~ ⌦ tal-approvazzjoni ⌫ .

#### 4. SORVELJANZA TAĦT IR-RESPONSABBILTÀ TAL-KORP NOTIFIKAT

4.1. L-iskop tas-sorveljanza huwa li jiżgura ruħu li l-manifattur ~~tal-komponent ta' sigurtà~~ ~~j~~iwettaq kif suppost l-obbligazzjonijiet li joriġinaw mis-sistema approvata ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità.

4.2. Il-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~ għandu jippermetti lill-korp notifikat aċċess għall-għanijiet ta' spezzjoni biex isseħħ l-ispezzjoni, it-testijiet u l-lokalitajiet ta' ħażna u għandu jipprovdih bl-informazzjoni kollha meħtieġa, b'mod partikolari:

(a)~~-~~ id-dokumentazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ tal-kwalità~~,~~;

(b)~~-~~ ir-reġistri ta' kwalità li jkunu disponibbli fil-parti tad-disinn fis-sistema ta' ⌦ assigurazzjoni sħiħa tal- ⌫ kwalità, bħalma huma r-riżultati tal-analiżi, il-kalkolazzjonijiet, it-testijiet, eċċ.~~,~~;

⇩ ġdid

(c) il-fajls tekniċi għall-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet immanifatturati;

🡻 95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

(d)~~-~~ ir-reġistri ta' kwalità li hemm kif provdut dwarhom fil-parti tal-manifattura tas-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità, bħalma huma r-rapport tal-ispezzjoni u d-dettalji

dwar it-testijiet, id-dettalji ta' kalibrazzjoni, ir-rapporti dwar il-kwalifiki tal-impjegati kkonċernati, eċċ.

4.3. Il-korp notifikat ~~jista'~~ ⌦ għandu ⌫ perjodikament iwettaq verifiki biex jassigura li l-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~ ~~j~~iżomm u japplika s-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità ⌦ approvata ⌫ u għandu jipprovdi rapport tal-verifika lill-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~.

4.4. B'żieda, il-korp notifikat jista' jwettaq żjarat għall-għarrieda lill-manifattur ~~tal-komponent ta' sigurtà~~. Fil-waqt ta' dawn iż-żjarat, il-korp notifikat jista', fejn meħtieġ, iwettaq testijiet jew jara li dawn jitwettqu sabiex jivverifika l-iffunzjonar xieraq tas-sistema ta' assigurazzjoni ⌦ sħiħa ⌫ ta' kwalità ~~kif meħtieġ;~~ . ~~għandu~~ ⌦ Għandu ⌫ jipprovdi lill-manifattur ~~tal-komponenti ta' sigurtà~~ b'rapport taż-żjara u, jekk test ikun twettaq, b'rapport tat-test.

5. Il-manifattur ~~ta' komponenti ta' sigurtà~~ jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu, għall-perjodu li jintemm 10 snin wara li l-aħħar komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ ~~j~~ikun ~~ġie manifatturat,~~ ⇨ tqiegħed fis-suq, ⇦ iżomm għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali:

---

↓ 95/16/KE (adattat)

(a)~~-~~ id-dokumentazzjoni msemmija ~~fit-tieni inċiż tat-tieni paragrafu~~ ~~tat-Taqsima~~ fil-Punt 3.1(e)~~,~~;

---

⇩ ġdid

(b) il-fajl tekniku msemmi fil-Punt 3.1(d);

---

↓ 95/16/KE

(c)~~-~~ l-aġġornar imsemmi fit-tieni paragrafu ~~tat-Taqsima~~ tal-Punt 3.4~~,~~;

---

↓ 95/16/KE (adattat)

(d)~~-~~ id-deċiżjonijiet u r-rapporti mill-korp notifikat imsemmija fil-paragrafu finali ~~tat-Taqsima~~ tal-Punt 3.4 u ~~tat-Taqsimiet~~ tal-Punti 4.3 u 4.4.

Meta la l-manifattur tal-komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ u lanqas ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu ma jkunu stabbiliti ⌦ fl-Unjoni ⌫ ~~fil-Komunità~~, l-obbligazzjoni li tinżamm id-dokumentazzjoni teknika disponibbli taqa' fuq il-persuna li tkun qegħdet il-komponent ta' sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ fis-suq tal- ⌦ Unjoni ⌫ ~~Komunità~~.

~~6. Kull korp notifikat għandu jibgħat lill-korpi notifikati l-oħra l-informazzjoni relevanti li tikkonċerna l-approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni ta' kwalità maħruġa jew irtirati~~.

---

⇩ ġdid

6. Kull korp notifikat għandu jinforma lill-awtoritajiet notifikanti tiegħu dwar id-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità maħruġa jew

irtirati, u għandu, perjodikament jew wara talba, iqiegħed għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet notifikanti tiegħu l-lista ta' deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa, rifjutati, sospiżi jew b'xi mod ieħor limitati.

Kull korp notifikat għandu jinforma lill-korpi notifikati l-oħra bid-deċiżjoni ta' approvazzjoni tas-sistema ta' assigurazzjoni sħiħa tal-kwalità li jkun irrifjuta, issospenda jew irtira u, wara talba, bid-deċiżjonijiet ta' approvazzjoni maħruġa minnu.

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni tas-sistema ta' kwalità sħiħa li jkunu nħarġu.

Il-korp notifikat għandu jżomm kopja tad-deċiżjoni(jiet) ta' approvazzjoni maħruġa, tal-annessi u taż-żidiet tagħhom, kif ukoll tal-fajl tekniku għal perjodu ta' 15-il sena mid-data ta' ħruġ tagħhom.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

7. Id-~~dossiers~~ ⌦ dokumenti ⌫ u l-korrispondenza li għandha x'taqsam mal-proċedura tal-assigurazzjoni ta' kwalità għandha tkun imħejjija fl-ilsna uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew f'ilsien aċċettabbli għalih.

↓ 95/16/KE (adattat)
⇨ ġdid

**ANNESS VIII X**

**IL-VERIFIKAZZJONI TAL-UNITÀ ⌦ GĦAL-LIFTIJIET ⌫**

(Il-Modulu G)

~~1. Il-verifikazzjoni tal-unità hija l-proċedura li biha dak li jinstalla lift jassigura u jiddikjara li lift li hu jkun qed iqiegħed fis-suq u li jkun kiseb ċertifikat ta' konformità msemmi fit-Taqsima 4 jkun jikkonformà mal-ħtiġiet tad-Direttiva. L-installatur tal-lift għandu jwaħħal il-marka CE fil-kabina ta' kull lift u jħejji d-dikjarazzjoni KE ta' konformità.~~

⌦1. Il-verifika tal-unità hija l-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha korp notifikat jivvaluta jekk lift installat jikkonforma mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⌫

⌦ **2. OBBLIGI TAL-INSTALLATUR** ⌫

⌦ 2.1.L-installatur għandu jwaħħal il-marka CE fil-kabina tal-lift u jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. ⌫

~~2.~~2.2. Dak li jinstalla ~~l-lift~~ għandu japplika lill-korp notifikat ⇨ uniku ⇦ tal-għażla tiegħu għall-verifikazzjoni tal-unità.

↓ 95/16/KE

L-applikazzjoni għandha jkun fiha:

↓ 95/16/KE (adattat)

(a)~~-~~ l-isem u l-indirizz ta' dak li jinstalla, ~~l-lift,~~;

(b)~~-~~ ~~u~~ l-lokalità ta' fejn il-lift ikun ġie installat~~,~~;

↓ 95/16/KE

(c)~~-~~ dikjarazzjoni bil-miktub fis-sena li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lill xi korp notifikat ieħor~~,~~;

↓ 95/16/KE (adattat)

(d)~~-~~ ~~dossier~~ ⌦ fajl ⌫ tekniku.

3. ~~L-iskop tad-dossier tekniku huwa li jippermetti li l-konformità tal-lift mal-ħtiġiet tad-Direttiva li għandha tiġi stmata u li d-disinn, l-installazzjoni u l-operat tal-lift ikun mifhuma.~~ ⌦ Il-fajl tekniku għandu jippermetti valutazzjoni tal-konformità tal-lift mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⌫

🡻 95/16/KE (adattat)

~~Sal-limiti relevanti għall-istima tal-konformità,~~ ⌦ Il-fajl ⌫ ~~id-dossier~~ tekniku għandu jkun fih ⌦ mill-inqas ⌫ dan li ġej :

(a)~~-~~ deskrizzjoni ~~ġenerali~~ tal-lift~~,~~;

(b)~~-~~ id-disinn u l-pjanti tal-manifattura u t-tpinġijiet,~~,~~;

– ~~il-ħtiġiet essenzjali in kwistjoni u s-soluzzjoni adottata biex dawn jintlaħqu (e.g. standards armonizzati),~~

⇩ ġdid

(c) spjegazzjonijiet meħtieġa biex wieħed jifhem dawn it-tpinġijiet u d-dijagrammi u t-tħaddim tal-lift;

(d) lista ta' standards armonizzati li r-referenzi tagħhom ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, applikati b'mod sħiħ jew parzjali, u d-deskrizzjonijiet tas-soluzzjonijiet adottati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I fejn dawk l-istandards armonizzati ma ġewx applikati. Fil-każ ta' standards armonizzati applikati parzjalment, il-fajl tekniku għandu jispeċifika l-partijiet li ġew applikati;

🡻 95/16/KE (adattat)

(e)~~-~~ kopja taċ-ċertifikati ta’ eżami tat-tip ~~KE~~ ⌦ tal-UE ⌫ tal-komponenti ta’ sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ użati ⌦ fil-lift ⌫~~,~~;

(f)~~-~~ ir-riżultati ta’ kull testijiet jew kalkoli mwettqa ⌦ mill-installatur jew għalih; ⌫ ~~jew mogħtija b’sub-kuntratt mill-installatur tal-lift,~~;

⇩ ġdid

(g) rapporti tat-test;

🡻 95/16/KE (adattat)

(h)~~-~~ kopja tal-istruzzjonijiet dwar l-użu tal-lift ⌦ imsemmija fil-punt 6.2 tal-Anness I ⌫ .

4. Il-korp notifikat għandu jeżamina ~~d-dossier~~ ⌦ l-fajl ⌫ tekniku u l-lift u jwettaq it-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandard(s) relevanti msemmija fl-Artikolu ~~5~~14 tad-Direttiva, jew testijiet ekwivalenti, biex tiġi assigurata l-konformità tiegħu mal-ħtiġijiet ~~relevanti~~ ⌦ ta' saħħa u sikurezza essenzjali ⌫ ~~ta’ din id-Direttiva~~ ⌦ stabbiliti fl-Anness I. It-testijiet għandhom jinkludu għall-inqas it-testijiet imsemmija fil-Punt 3.4 (e) tal-Anness V ⌫ .

~~Jekk il-lift jissodisfa l-ħtiġiet ta’ din id-Direttiva, il-korp notifikat għandu jwaħħal jew jara li jitwaħħal in-numru tal-identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Anness III u għandu jħejji ċertifikat ta’ konformità fir-rigward tat-testijiet imwettqa.~~

⌦ Jekk il-lift jissodisfa r-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I l-korp notifikat għandu jħejji ċertifikat ta' konformità marbuta mat-testijiet imwettqa. Il-korp notifikat għandu jwaħħal jew jassigura li jitwaħħal, in-numru ta' identifikazzjoni tiegħu biswit il-marka CE skont l-Artikoli 18 u 21. ⌫

Il-korp notifikat għandu jimla l-paġni korrispondenti tar-reġitru msemmija ~~fit-Taqsima~~ fil-Punt 6.2 tal-Anness I.

Jekk il-korp notifikat jirrifjuta li joħroġ iċ-ċertifikat ta’ konformità, dan għandu jiddikjara fid-dettall ir-raġunijiet tiegħu għal dan ir-rifjut u jindika ⌦ l-miżuri korrettivi meħtieġa li għandhom jittieħdu ⌫ ~~kif il-konformità tkun tista tinkiseb~~. Meta l-installatur ~~tal-lift~~ jerġa’ japplika għall-verifikazzjoni ⌦ tal-unità ⌫ hu għandu japplika għand l-istess korp notifikat.

---

⇩ ġdid

Jekk jintalab jagħmel dan, il-korp notifikat għandu jipprovdi lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri b'kopja taċ-ċertifikat ta' konformità.

---

🡻 95/16/KE (adattat)

5. Iċ-ċertifikat ta’ konformità u tad-~~dossiers~~ ⌦ dokumenti ⌫ u l-korrispondenza li għandha x’taqsam mal-proċeduri ta’ verifika tal-unità għandha tkun imħejjija fl-ilsien uffiċjali tal-Istat Membru fejn il-korp notifikat ikun stabbilit jew f’ilsien aċċettabbli għalih.

6. L-installatur ~~tal-lift~~ għandu jżomm ~~id-dossier~~ ⌦ il-fajl ⌫ tekniku u kopja taċ-ċertifikat ta’ konformità għal perjodu ta’ 10 snin mid-data li fiha l-lift ikun tqiegħed fuq is-suq.

↓ 95/16/KE (adattat)

# ANNESS IX ~~XI~~

## KONFORMITÀ TAT-TIP B'VERIFIKI KIF JIĠI JIĠI

## ⌦ GĦAL KOMPONENTI TA' SIKUREZZA GĦAL-LIFTIJIET ⌫

(Il-Modulu ⌦ F ⌫ ~~C~~)

~~1. Il-konformità tat-tip hija proċedura li biha l-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu stabbilit fil-Komunità jassigura u jiddikjara li l-komponenti ta' sigurtà huma f'konformità mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tat-tip KE u li jissodisfaw il-ħtiġiet tad-Direttiva li japplikaw dwarhom u li jippermettu li l-lift li fih ikunu mwaħħla sewwa li jissodisfaw il-ħtiġiet essenzjali dwar is-saħħa u s-sigurtà ta' din id-Direttiva.~~

⌦ 1. Il-konformità mat-tip b'kontrolli aleatorji hija l-parti tal-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità li permezz tagħha l-korp notifikat iwettaq kontrolli fuq il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet biex jiżgura li dawn jikkonformaw mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat tat-tip tal-UE u jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali applikabbli tad-Direttiva u jippermettu li l-lift li miegħu jkunu mwaħħla b'mod korrett jissodisfa dawk ir-rekwiżiti. ⌫

~~Il-manifattur tal-komponent ta' sigurtà jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fil-Komunita, għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull komponent ta' sigurtà u jħejji d-dikjarazzjoni KE dwar il-konformità.~~

~~2. Il-manifattur tal-komponenti ta' sigurtà għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jassigura li l-proċess tal-manifattura jassigura konformità tal-manifattura tal-komponenti ta' sigurtà mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' eżemi tat-tip KE u mal-ħtiġiet tad-Direttiva li hija applikabbli dwarhom.~~

### ⌦ 2. L-OBBLIGI TAL-MANIFATTUR ⌫

⌦ 2.1. Il-manifattur għandu jieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex jiżgura li l-proċess tal-manifattura jassigura l-konformità tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet manifatturati mat-tip kif deskritt fiċ-ċertifikat ta' eżami tat-tip tal-UE u mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I. ⌫

⌦ 2.2. Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu li jkun stabbilit fl-Unjoni għandu jwaħħal il-marka CE ma' kull komponent ta' sikurezza għal-liftijiet u jħejji d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE. ⌫

⌦ 3.Il-manifattur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu għandu jippreżenta applikazzjoni għal kontroll aleatorju ma' korp notifikat uniku tal-għażla tiegħu.

L-applikazzjoni għandha tinkludi: ⌫

⇩ ġdid

(a) l-isem u l-indirizz tal-manifattur u, jekk l-applikazzjoni titressaq mir-rappreżentant awtorizzat tiegħu, ismu u l-indirizz tiegħu wkoll;

(b) dikjarazzjoni bil-miktub li l-istess applikazzjoni ma kinitx ġiet ippreżentata lil xi korp notifikat ieħor;

(c) l-informazzjoni rilevanti kollha dwar il-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet immanifatturati;

(d) il-post fejn jista' jittieħed il-kampjun tal-komponenti ta' sikurezza għal-liftijiet.

🡻 95/16/KE (adattat)

4. ⌦ Il- ⌫ ~~K~~korp notifikat ~~magħżul mill-manifattur~~ għandu jwettaq jew jara li jitwettqu verifiki fuq il-komponenti ta’ sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ matul intervalli kif jiġi jiġi. Kampjun adegwat tal-komponenti lesti ta’ sigurtà, meħud minn fuq il-post mill-korp notifikat, għandu jkun eżeminat u t-testijiet xierqa kif stipulati fl-istandards relevanti li hemm referenza dwarhom fl-Artikolu ~~5~~14, jew testijiet ekwivalenti, għandhom jittwettqu biex jivverifikaw il-konformità tal-produzzjoni ~~mal-ħtiġiet relevanti tad-Direttiva~~ ⌦ mar-rekwiżiti ta' saħħa u sikurezza essenzjali stabbiliti fl-Anness I ⌫ . ~~F’dawk~~ Fil-każi meta wieħed jew aktar mill-komponenti ta’ sigurtà ⌦ għal-liftijiet ⌫ verifikati ma jkunux konformi, il-korp notifikat għandu jieħu l-miżuri xierqa.

